



---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2023/0156(COD)**

30.10.2023

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (COM(2023)0258 – C9-0175/2023 – 2023/0156(COD))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Deirdre Clune

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura  
Saskia Bricmont, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	94
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	96



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (COM(2023)0258 – C9-0175/2023 – 2023/0156(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0258),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 33, l-Artikolu 207 u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0175/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0000/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Titolu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT

Proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT

## EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 **u r-Regolament (UE) 2022/2399**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jitħassar ir-Regolament dwar it-Tieqa Unika għad-Dwana u jiżded mal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, sabiex jinħoloq qafas doganali komprensiv wieħed bħala parti mir-riforma doganali.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Premessa 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Huwa xieraq li l-leġislazzjoni doganali tqis l-iżvilupp rapidu tax-xejriet kummerċjali globali, tat-teknoloġija, tal-mudelli tan-negozju u tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, inklużi ċ-ċittadini. Għalhekk, hemm bżonn li jsiru numru kbir ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar u jinbidel.

#### *Emenda*

(3) Huwa xieraq li l-leġislazzjoni doganali tqis l-iżvilupp rapidu tax-xejriet kummerċjali globali, tat-teknoloġija, tal-mudelli tan-negozju u tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, inklużi ***n-negozji, il-konsumaturi u*** ċ-ċittadini. Għalhekk, hemm bżonn li jsiru numru kbir ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar u jinbidel.

Or. en

## **Emenda 3**

### **Proposta għal regolament Premessa 15**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-operaturi ekonomiċi li jissodisfaw ċerti kriterji u kundizzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala kummerċjanti

#### *Emenda*

(15) L-operaturi ekonomiċi li jissodisfaw ċerti kriterji u kundizzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala kummerċjanti

konformi u affidabbli mill-awtoritajiet doganali jistgħu jingħataw l-istatus ta' AEO u, b'hekk, jibbenefikaw minn faċilitazzjonijiet fil-proċessi doganali. Filwaqt li jiġi żgurat li l-kummerċjanti li jittrattaw il-biċċa l-kbira tal-kummerċ tal-Unjoni jkunu affidabbli, l-iskema tal-AEO tbatu minn ċerti dgħufijiet aċċennati fl-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fis-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Sabiex jiġi indirizzat dak it-tħassib, b'mod partikolari dwar il-prattiki u l-isfidi nazzjonali diverġenti rigward il-monitoraġġ tal-konformità tal-AEO, jenħtieġ li r-regoli jiġu emendati sabiex jiġi introdott l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jimmonitorjaw il-konformità tal-anqas kull 3 snin.

konformi u affidabbli mill-awtoritajiet doganali jistgħu jingħataw l-istatus ta' AEO u, b'hekk, jibbenefikaw minn faċilitazzjonijiet fil-proċessi doganali. Filwaqt li jiġi żgurat li l-kummerċjanti li jittrattaw il-biċċa l-kbira tal-kummerċ tal-Unjoni jkunu affidabbli, l-iskema tal-AEO tbatu minn ċerti dgħufijiet aċċennati fl-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u fis-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Sabiex jiġi indirizzat dak it-tħassib, b'mod partikolari dwar il-prattiki u l-isfidi nazzjonali diverġenti rigward il-monitoraġġ tal-konformità tal-AEO, jenħtieġ li r-regoli jiġu emendati sabiex jiġi introdott l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jimmonitorjaw il-konformità tal-anqas kull 3 snin. ***Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi mmonitorjat ukoll mill-Awtorità Doganali l-ġdida tal-UE.***

Or. en

#### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 16

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-bidliet fil-proċessi doganali u l-mod kif joperaw l-awtoritajiet doganali jeħtieġu sħubija ġdida mal-operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Il-kriterji u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed isir operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jenħtieġ li jibnu fuq il-kriterji tal-AEO iżda jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-kummerċjant jitqies trasparenti għall-awtoritajiet doganali. Għalhekk, jixraq li l-kummerċjanti ta' Fiduċja u ta' Verifika jintalbu jagħtu lill-awtoritajiet doganali aċċess għas-sistemi elettroniċi tagħhom filwaqt li jżommu rekord tal-konformità tagħhom u tal-moviment tal-merkanzija

##### *Emenda*

(16) Il-bidliet fil-proċessi doganali u l-mod kif joperaw l-awtoritajiet doganali jeħtieġu sħubija ġdida mal-operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-iskema tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check). Il-kriterji u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed isir operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jenħtieġ li jibnu fuq il-kriterji tal-AEO iżda jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-kummerċjant jitqies trasparenti għall-awtoritajiet doganali. Għalhekk, jixraq li l-kummerċjanti ta' Fiduċja u ta' Verifika jintalbu jagħtu lill-awtoritajiet doganali aċċess għas-sistemi elettroniċi tagħhom filwaqt li jżommu rekord tal-konformità tagħhom u tal-moviment tal-merkanzija

tagħhom. Jenħtieġ li t-trasparenza tkun akkumpanjata minn ċerti benefiċċji, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-merkanzija tiġi rrilaxxata f'isem id-dwana mingħajr in-neċessità ta' intervent attiv tagħha, ħlief meta tkun meħtieġa approvazzjoni ta' qabel ir-rilaxx minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u li jiġi differit il-ħlas tad-dejn doganali. Peress li dan il-mod ta' ħidma jenħtieġ li jissostitwixxi b'mod progressiv dak ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet doganali, jixraq li jiġi stabbilit l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-AEO għas-simplifikazzjonijiet doganali sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

tagħhom, ***dment li tali aċċess ikun proporzjonat u strettament meħtieġ.*** Jenħtieġ li t-trasparenza tkun akkumpanjata minn ċerti benefiċċji, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-merkanzija tiġi rrilaxxata f'isem id-dwana mingħajr in-neċessità ta' intervent attiv tagħha, ħlief meta tkun meħtieġa approvazzjoni ta' qabel ir-rilaxx minn leġiżlazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali u li jiġi differit il-ħlas tad-dejn doganali. Peress li dan il-mod ta' ħidma jenħtieġ li jissostitwixxi b'mod progressiv dak ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet doganali, jixraq li jiġi stabbilit l-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-AEO għas-simplifikazzjonijiet doganali sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Or. en

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(17a) Huwa importanti wkoll li jiġu rikonoxxuti l-isfidi speċifiċi għall-intrapriżi żgħar u mikro kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti doganali u kif dan jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' rappreżentanza diretta u indiretta. Dan huwa partikolarment minnu meta intrapriża żgħira jew mikro ma jkollhiex l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat. Jenħtieġ li jkomplu jkunu jistgħu jibbenefikaw minn rappreżentanza indiretta. Il-Kummissjoni u l-Awtorità Doganali tal-UE jenħtieġ li jevalwaw kif dan l-arranġament qed jaħdem abbażi tal-informazzjoni li jirċievu mill-awtoritajiet rilevanti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li***



*tippreżenta din l-evalwazzjoni fil-forma ta' rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddeċiedi jekk għandhiex tipproponi soluzzjoni leġiżlattiva għal reġim speċifiku biex tiġi ddeterminata aħjar ir-relazzjoni bejn l-intrapriżi żgħar u mikro u r-rappreżentanti doganali bil-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ u jiġi żgurat bilanċ ġust tar-responsabbiltajiet.*

Or. en

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 17b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(17b) Sabiex jiġi stabbilit qafas komunital-unjoni doganali, huwa meħtieġ li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana ("l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana") jiġi integrat fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/2399 jiġi jitħassar u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jiżdied ma' dan ir-Regolament.*

Or. en

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 17c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(17c) Sabiex jinkiseb ambjent kompletament diġitali u proċess effiċjenti ta' awtorizzazzjoni tal-merkanzija għall-partijiet kollha involuti fil-kummerċ*

*internazzjonali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għal Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana armonizzat u integrat. Dik is-sistema jenħtieġ li tinkludi sett ta' servizzi elettroniċi integrati bis-sħiħ ikkonsenjati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni diġitali bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab u biex jissimplifikaw il-proċessi tal-iżdoganar tal-merkanzija għall-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-Ambjent tat-Tieqa Unika Doganali tal-UE jiġi żviluppat billi jitqiesu l-possibiltajiet għal identifikazzjoni u awtentikazzjoni affidabbli offruti mir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u l-prinċipju ta' darba biss meta xieraq, kif imtenni fir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex jiġi implimentat l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, jeħtieġ li tiġi stabbilita, abbażi tal-proġett pilota, sistema ta' skambju ta' ċertifikati, jiġifieri s-Sistema Elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea (CSW-CERTEX tal-UE), li tgħaqqad flimkien l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi tal-Unjoni mhux doganali li jimmaniġġjaw formalitajiet speċifiċi mhux doganali. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu armonizzati l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana, li daww l-ambjenti jiġu integrati fl-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, u li jiġi stabbilit sett ta' regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva diġitali fl-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.*

---

<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u

*li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)*

Or. en

## **Emenda 8**

**Proposta għal regolament  
Premessa 17d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(17d) Jenħtieġ li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jkun allinjat u jsir interoperabbli kemm jista' jkun ma' sistemi eżistenti jew futuri oħra relatati mad-dwana, bħall-iżdoganar ċentralizzat fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Meta rilevanti, jenħtieġ li jitfittxu sinerġiji bejn is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.*

-----  
*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64)*

Or. en

## **Emenda 9**

**Proposta għal regolament  
Premessa 17e (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(17e) Huwa meħtieġ li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jintegra soluzzjoni li jiżguraw livell għoli ta'*

*ċibersigurtà sabiex, kemm jista' jkun, jiġu pprevenut attakki li jistgħu jfixxlu s-sistemi doganali u mhux doganali, jagħmlu ħsara lis-sigurtà tal-kummerċ jew jikkawżaw ħsara lill-ekonomija tal-Unjoni. L-istandards taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jiffasslu b'tali mod li jevolvu bl-istess pass bħar-rekwiżiti regolatorji għas-sigurtà tal-informazzjoni tan-networks. Fl-iżvilupp, fl-operat u fiż-żamma tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu linji gwida xierqa maħruġa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) dwar iċ-ċibersigurtà.*

Or. en

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 17f (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(17f) L-iskambju ta' informazzjoni diġitali permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li jkopri l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali li l-awtoritajiet doganali huma fdati jinfurzaw. Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni jinkludu l-operazzjonijiet kollha li jeħtieġ li jitwettqu minn persuna fiżika, operatur ekonomiku jew awtorità kompetenti sieħba għall-moviment internazzjonali tal-merkanzija, inkluża l-parti tal-moviment bejn l-Istati Membri, meta meħtieġ. Dawk il-formalitajiet jimponu obbligi differenti għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni jew għat-tranżitu ta' ċerta merkanzija, u l-verifika tagħhom permezz ta' kontrolli doganali hija essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Is-*

*CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tkopri l-formalitajiet diġitalizzati stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ġestiti minn awtoritajiet kompetenti sħab f'sistemi elettroniċi mhux doganali tal-Unjoni, u jaħżnu l-informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri kollha meħtieġa għall-iżdoganar tal-merkanzija. Huwa għalhekk xieraq li jiġu identifikati l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u s-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kooperazzjoni diġitali permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE.*

*B'mod partikolari, id-definizzjoni ta' sistemi mhux doganali tal-Unjoni jenħtieġ li tkun wiesgħa u jenħtieġ li tinkludi s-sitwazzjonijiet u l-formulazzjonijiet legali differenti fl-atti legali tal-Unjoni li ppermettew jew li se jippermettu l-ħolqien u l-użu ta' dawk is-sistemi. Barra minn hekk, huwa xieraq ukoll li jiġu speċifikati d-dati sa meta s-sistema mhux doganali speċifika tal-Unjoni li tkopri formalità mhux doganali tal-Unjoni u l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li jkunu interkonnessi mas-CSW-CERTEX tal-UE. Dawk id-dati jenħtieġ li jirriflettu d-dati stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali għat-twettiq tal-formalità mhux doganali speċifika tal-Unjoni, sabiex ikun jista' jkun hemm konformità permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. B'mod partikolari, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tkopri r-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji, ir-regoli li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti organiċi, ir-rekwiżiti ambjentali fir-rigward tal-gassijiet serra fluworinati u s-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu, u l-formalitajiet relatati mal-importazzjoni ta' beni kulturali.*

Or. en

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 17g (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(17g) Jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni. B'hekk, meta operatur ekonomiku jissottometti dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid, li tirrikjedi li l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni jiġu ssodisfati, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet doganali u għall-awtoritajiet kompetenti sħab li jiskambjaw awtomatikament u b'mod effettiv u jivverifikaw l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija. Kooperazzjoni u koordinazzjoni diġitali mtejba bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab jenħtieġ li jwasslu għal proċessi mingħajr karti aktar integrati, aktar mgħaġġla u aktar sempliċi għall-iżdoganar tal-merkanzija u infurzar aħjar tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u l-konformità magħhom.**

Or. en

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 17h (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(17h) Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li tiżviluppa, tintegra u topera s-CSW-CERTEX tal-UE, inkluż l-ġhoti ta' taħriġ xieraq dwar il-funzjonament u l-implimentazzjoni tagħha lill-Istati Membri. Sabiex jiġu**

*pprovduti servizzi ta' tieqa unika xierqa, armonizzati u standardizzati fil-livell tal-Unjoni għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tgħaqqad kull sistema mhux doganali rispettivi tal-Unjoni mas-CSW-CERTEX tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli biex jgħaqqdu l-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE b'assistenza, meta meħtieġ, tal-Kummissjoni.*

Or. en

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) Qabel ma l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ssir kompletament operazzjonali, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-għażla li tippjana u tistabbilixxi fażi pilota biex tittestja l-funzjonalitajiet li huma rilevanti għall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Tali fażi pilota jenħtieġ li tkun volontarja għall-awtoritajiet doganali, għal awtoritajiet oħra, u għall-operaturi ekonomiċi.*

Or. en

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal regolament Premessa 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(35) L-awtoritajiet doganali responsabbli għall-post tal-ewwel dħul tal-merkanzija jenħtieġ li jwettqu analiżi tar-

(35) L-awtoritajiet doganali responsabbli għall-post tal-ewwel dħul tal-merkanzija jenħtieġ li jwettqu analiżi tar-

riskju tal-informazzjoni disponibbli dwar dik il-merkanzija u jkunu intitolati jieħdu firxa wiesgħa ta' miżuri ta' mitigazzjoni jekk isibu riskju, inkluż li jitolbu kontrolli qabel it-tagħbija jew mal-wasla tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, minn awtorità doganali oħra jew minn awtoritajiet oħrajn. Ġeneralment it-trasportatur ikun fl-aħjar pożizzjoni sabiex ikun jaf meta l-merkanzija tkun waslet u, għalhekk, jenħtieġ li jinnotifika lid-dwana dwar din il-wasla. Madankollu, meta jkunu involuti ktajjen tal-provvista u networks tat-trasport aktar kumplessi, jistgħu jkunu meħtieġa persuni oħrajn sabiex jinnotifikaw il-wasla tal-merkanzija lill-awtoritajiet doganali għall-analiżi tar-riskju tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet doganali jkollhom informazzjoni minn qabel dwar il-merkanzija fuq il-merkanzija kollha miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni, jenħtieġ li t-trasportatur ma jitħalliex iħott merkanzija li għaliha ma jkun hemm l-ebda informazzjoni, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux talbu lit-trasportatur jippreżenta l-merkanzija jew ma jkunx hemm sitwazzjoni ta' emerġenza li tirrikjedi l-ħatt tal-merkanzija. B'kuntrast ma' dan, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tad-dħul tal-merkanzija li għaliha l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni xierqa bil-quddiem dwar il-merkanzija, jenħtieġ li t-trasportatur ma jkunx meħtieġ jippreżenta l-merkanzija lid-dwana fil-każijiet kollha iżda biss meta l-awtoritajiet doganali jitolbu dan jew meta tkun teħtieġ hekk leġislazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali.

riskju tal-informazzjoni disponibbli dwar dik il-merkanzija u jkunu intitolati jieħdu firxa wiesgħa ta' miżuri ta' mitigazzjoni jekk isibu riskju, inkluż li jitolbu kontrolli qabel it-tagħbija jew mal-wasla tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni, minn awtorità doganali oħra jew minn awtoritajiet oħrajn. Ġeneralment it-trasportatur ikun fl-aħjar pożizzjoni sabiex ikun jaf meta l-merkanzija tkun waslet u, għalhekk, jenħtieġ li jinnotifika lid-dwana dwar din il-wasla, **billi juża meta applikabbli s-Sistema tas-Single Window Marittima tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2019/1239**. Madankollu, meta jkunu involuti ktajjen tal-provvista u networks tat-trasport aktar kumplessi, jistgħu jkunu meħtieġa persuni oħrajn sabiex jinnotifikaw il-wasla tal-merkanzija lill-awtoritajiet doganali għall-analiżi tar-riskju tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet doganali jkollhom informazzjoni minn qabel dwar il-merkanzija fuq il-merkanzija kollha miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni, jenħtieġ li t-trasportatur ma jitħalliex iħott merkanzija li għaliha ma jkun hemm l-ebda informazzjoni, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux talbu lit-trasportatur jippreżenta l-merkanzija jew ma jkunx hemm sitwazzjoni ta' emerġenza li tirrikjedi l-ħatt tal-merkanzija. B'kuntrast ma' dan, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tad-dħul tal-merkanzija li għaliha l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni xierqa bil-quddiem dwar il-merkanzija, jenħtieġ li t-trasportatur ma jkunx meħtieġ jippreżenta l-merkanzija lid-dwana fil-każijiet kollha iżda biss meta l-awtoritajiet doganali jitolbu dan jew meta tkun teħtieġ hekk leġislazzjoni oħra applikata mill-awtoritajiet doganali.

Or. en



## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 38

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(38) Ladarba l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni neċessarja għall-proċedura rilevanti, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, jenħtieġ li jiddeċiedu jekk għandhomx isiru aktar kontrolli fuq il-merkanzija, jirrilaxxawhiex, jirrifjutawhiex jew jissospendux ir-rilaxx tagħha jew iħallux iż-żmien jgħaddi sabiex il-merkanzija titqies rilaxxata. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jagħmlu dan f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, meta jkun neċessarju. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jirrifjutaw ir-rilaxx tal-merkanzija meta jkollhom evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mar-rekwiżiti legali applikabbli. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom bżonn jikkonsultaw lil awtoritajiet oħrajn sabiex jiddeterminaw jekk il-merkanzija tikkonformax jew le, jenħtieġ li jissospendu r-rilaxx tal-anqas sakemm issir il-konsultazzjoni. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet doganali dwar il-merkanzija jenħtieġ li tiddependi **fuq it-tweġiba** tal-awtoritajiet l-oħrajn. Sabiex jiġi evitat l-imblukkar kemm tal-kummerċjanti kif ukoll tal-awtoritajiet fil-każijiet li fihom il-konklużjoni dwar il-konformità tkun teħtieġ xi żmien, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkollhom il-possibbiltà li jirrilaxxaw il-merkanzija bil-kundizzjoni li l-kummerċjant ikompli jinforma dwar il-post tal-merkanzija għal massimu ta' 15-il jum. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-kummerċjanti li pprovdew l-informazzjoni fil-ħin mingħajr ma jobbligaw lill-awtoritajiet doganali jirreaġixxu għal kull kunsinna, jenħtieġ li l-merkanzija li ma tkunx intgħażlet għal kontroll wara **perjodu ta' żmien raġonevoli** titqies bħala rilaxxata. **Jenħtieġ li l-**

#### *Emenda*

(38) Ladarba l-awtoritajiet doganali jkollhom l-informazzjoni neċessarja għall-proċedura rilevanti, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, jenħtieġ li jiddeċiedu jekk għandhomx isiru aktar kontrolli fuq il-merkanzija, jirrilaxxawhiex, jirrifjutawhiex jew jissospendux ir-rilaxx tagħha jew iħallux iż-żmien jgħaddi sabiex il-merkanzija titqies rilaxxata. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jagħmlu dan f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, meta jkun neċessarju. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jirrifjutaw ir-rilaxx tal-merkanzija meta jkollhom evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mar-rekwiżiti legali applikabbli. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom bżonn jikkonsultaw lil awtoritajiet oħrajn sabiex jiddeterminaw jekk il-merkanzija tikkonformax jew le, jenħtieġ li jissospendu r-rilaxx tal-anqas sakemm issir il-konsultazzjoni. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet doganali dwar il-merkanzija jenħtieġ li tiddependi **mit-tweġiba** tal-awtoritajiet l-oħrajn. Sabiex jiġi evitat l-imblukkar kemm tal-kummerċjanti kif ukoll tal-awtoritajiet fil-każijiet li fihom il-konklużjoni dwar il-konformità tkun teħtieġ xi żmien, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkollhom il-possibbiltà li jirrilaxxaw il-merkanzija bil-kundizzjoni li l-kummerċjant ikompli jinforma dwar il-post tal-merkanzija għal massimu ta' 15-il jum. Fl-aħħar nett, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-kummerċjanti li pprovdew l-informazzjoni fil-ħin mingħajr ma jobbligaw lill-awtoritajiet doganali jirreaġixxu għal kull kunsinna, jenħtieġ li l-merkanzija li ma tkunx intgħażlet għal kontroll wara **30 jum kalendarju** titqies bħala rilaxxata.

***Kummissjoni tkun intitolata tiddefinixxi dan il-perjodu ta' żmien fir-regoli delegati, filwaqt li tadattaha, meta jkun neċessarju, għat-tip ta' traffiku jew għat-tip ta' punti ta' qsim tal-fruntiera.***

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-perjodu ta' żmien raġonevoli nbidel għal 30 jum kalendarju.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament Premessa 52**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(52) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-immaniġġjar tal-kriżijiet sabiex jiġu indirizzati kriżijiet potenzjali fl-unjoni doganali. In-nuqqas ta' mekkaniżmu bħal dan fil-livell tal-Unjoni ġie enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali<sup>55</sup>. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jinvolvi lill-Awtorità Doganali tal-UE bħala attur ewlieni fit-tnejn, fil-koordinazzjoni u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti prattiċi li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tistabbilixxi meta sseħħ kriżi. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE żżomm l-istat ta' tnejn għal rispons għall-kriżijiet fuq bażi permanenti matul id-durata kollha tal-kriżi.

---

<sup>55</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - L-Unjoni Doganali tittieħed għal-Livell li

#### *Emenda*

(52) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-immaniġġjar tal-kriżijiet sabiex jiġu indirizzati kriżijiet potenzjali fl-unjoni doganali. In-nuqqas ta' mekkaniżmu bħal dan fil-livell tal-Unjoni ġie enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali<sup>55</sup>. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jinvolvi lill-Awtorità Doganali tal-UE bħala attur ewlieni fit-tnejn, fil-koordinazzjoni u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti prattiċi li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tistabbilixxi meta sseħħ kriżi. Jenħtieġ li l-Awtorità Doganali tal-UE żżomm l-istat ta' tnejn għal rispons għall-kriżijiet fuq bażi permanenti matul id-durata kollha tal-kriżi. ***L-Awtorità Doganali tal-UE jenħtieġ li tirrapporta lura lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti prattiċi.***

---

<sup>55</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - L-Unjoni Doganali tittieħed għal-Livell li

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 53

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(53) Il-qafas ta' governanza eżistenti tal-unjoni doganali ma għandux struttura ta' ġestjoni operazzjonali ċara u ma jirriflettix l-evoluzzjoni tad-dwana sa mill-ħolqien tagħha fl-1968. Skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskji fil-flussi tal-kummerċ, bħall-implimentazzjoni u d-deċiżjonijiet dwar il-kontrolli fil-prattika, huma r-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali nazzjonali. Minkejja l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali li kienet teżisti sa mill-ħolqien tal-unjoni doganali u li wasslet għall-iskambju tal-aħjar prattiki, tal-għarfien espert, u tal-iżvilupp ta' linji gwida komuni, din ma rriżultatx fl-iżvilupp ta' approċċ armonizzat u ta' qafas operazzjonali. Bħalissa, jeżistu prattiki diverġenti fl-Istati Membri li jdgħajfu l-unjoni doganali. Ma hemm l-ebda kapaċità ta' analiżi tar-riskju ċentrali, l-ebda fehma komuni dwar il-prijoritizzazzjoni tar-riskju, l-azzjoni u l-kontrolli doganali kkoordinati huma limitati, u ma hemm l-ebda qafas ta' kooperazzjoni bejn diversi awtoritajiet li jaqdu s-suq **uniku**. Livell operazzjonali ċentrali tal-Unjoni sabiex jinġabru l-għarfien espert, ir-riżorsi u jittieħdu deċiżjonijiet flimkien jenħtieġ li jindirizza tali dgħufijiet f'oqsma bħall-ġestjoni tad-data, il-ġestjoni tar-riskju u t-taħriġ sabiex l-unjoni doganali tibda "taġixxi b'mod magħqud". Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita Awtorità Doganali tal-UE. Il-

#### *Emenda*

(53) Il-qafas ta' governanza eżistenti tal-unjoni doganali ma għandux struttura ta' ġestjoni operazzjonali ċara u ma jirriflettix l-evoluzzjoni tad-dwana sa mill-ħolqien tagħha fl-1968. Skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tar-riskji fil-flussi tal-kummerċ, bħall-implimentazzjoni u d-deċiżjonijiet dwar il-kontrolli fil-prattika, huma r-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali nazzjonali. Minkejja l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali li kienet teżisti sa mill-ħolqien tal-unjoni doganali u li wasslet għall-iskambju tal-aħjar prattiki, tal-għarfien espert, u tal-iżvilupp ta' linji gwida komuni, din ma rriżultatx fl-iżvilupp ta' approċċ armonizzat u ta' qafas operazzjonali. Bħalissa, jeżistu prattiki diverġenti fl-Istati Membri li jdgħajfu l-unjoni doganali. Ma hemm l-ebda kapaċità ta' analiżi tar-riskju ċentrali, l-ebda fehma komuni dwar il-prijoritizzazzjoni tar-riskju, l-azzjoni u l-kontrolli doganali kkoordinati huma limitati, u ma hemm l-ebda qafas ta' kooperazzjoni bejn diversi awtoritajiet li jaqdu s-suq **intern**. Livell operazzjonali ċentrali tal-Unjoni sabiex jinġabru l-għarfien espert, ir-riżorsi u jittieħdu deċiżjonijiet flimkien jenħtieġ li jindirizza tali dgħufijiet f'oqsma bħall-ġestjoni tad-data, il-ġestjoni tar-riskju u t-taħriġ sabiex l-unjoni doganali tibda "taġixxi b'mod magħqud". Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita Awtorità Doganali tal-UE. Il-

ħolqien ta' din l-Awtorità l-ġdida huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u adegwat tal-unjoni doganali, sabiex tiġi kkoordinata b'mod ċentrali l-azzjoni doganali u jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-awtoritajiet doganali.

ħolqien ta' din l-Awtorità l-ġdida huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u adegwat tal-unjoni doganali, sabiex tiġi kkoordinata b'mod ċentrali l-azzjoni doganali u jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-awtoritajiet doganali.

Or. en

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 58

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(58) Sabiex iwettqu l-missjoni tagħhom, l-awtoritajiet doganali jikkooperaw mill-qrib u b'mod regolari mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet ta' kontroll sanitarji u fitosanitarji, mal-korpi tal-infurzar tal-liġi, mal-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri, mal-korpi tal-ħarsien tal-ambjent, mal-esperti dwar il-proprjetà kulturali, u ħafna awtoritajiet oħrajn inkarigati minn politiki settorjali. Meta jitqiesu l-evoluzzjoni tas-suq *uniku* u r-rwol li qiegħed jevolvi tad-dwana, iż-żieda fil-projbizzjonijiet u fir-restrizzjonijiet u fil-kummerċ elettroniku, huwa neċessarju li din il-kooperazzjoni tiġi strutturata u tissaħħaħ fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali. Minflok kooperazzjoni ffokata fuq kunsinni individwali jew avvenimenti speċifiċi tul il-katina tal-provvista, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni strutturat bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħrajn responsabbli għall-oqsma ta' politika rilevanti. Qafas ta' kooperazzjoni bħal dan jenħtieġ li jinkludi l-aspetti li ġejjin: l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u ta' ħtiġijiet ta' politika f'qasam speċifiku, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni, il-bini ta' strateġija ta' kooperazzjoni ġenerali fil-forma ta' strateġiji ta' superviżjoni konġunta u, fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni dwar l-

#### *Emenda*

(58) Sabiex iwettqu l-missjoni tagħhom, l-awtoritajiet doganali jikkooperaw mill-qrib u b'mod regolari mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet ta' kontroll sanitarji u fitosanitarji, mal-korpi tal-infurzar tal-liġi, mal-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri, mal-korpi tal-ħarsien tal-ambjent, mal-esperti dwar il-proprjetà kulturali, u ħafna awtoritajiet oħrajn inkarigati minn politiki settorjali. Meta jitqiesu l-evoluzzjoni tas-suq *intern* u r-rwol li qiegħed jevolvi tad-dwana, iż-żieda fil-projbizzjonijiet u fir-restrizzjonijiet u fil-kummerċ elettroniku, huwa neċessarju li din il-kooperazzjoni tiġi strukturata u tissaħħaħ fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali. Minflok kooperazzjoni ffokata fuq kunsinni individwali jew avvenimenti speċifiċi tul il-katina tal-provvista, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni strukturat bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħrajn responsabbli għall-oqsma ta' politika rilevanti. Qafas ta' kooperazzjoni bħal dan jenħtieġ li jinkludi l-aspetti li ġejjin: l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u ta' ħtiġijiet ta' politika f'qasam speċifiku, l-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni, il-bini ta' strateġija ta' kooperazzjoni ġenerali fil-forma ta' strateġiji ta' superviżjoni konġunta u, fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni dwar l-

implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontrolli operazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita wkoll l-applikazzjoni ta' parti mil-leġislazzjoni l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali billi tfassal lista ta' leġislazzjoni tal-Unjoni li timponi rekwiżiti fuq merkanzija soġġetta għal kontrolli doganali mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi bħas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, il-konsumaturi u l-ambjent.

implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontrolli operazzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita wkoll l-applikazzjoni ta' parti mil-leġislazzjoni l-oħra applikata mill-awtoritajiet doganali billi tfassal lista ta' leġislazzjoni tal-Unjoni li timponi rekwiżiti fuq merkanzija soġġetta għal kontrolli doganali mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi bħas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, il-konsumaturi u l-ambjent.

Or. en

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 67 – inċiż 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

– ***il-perjodu ta' żmien raġonevoli li warajh l-awtoritajiet doganali għandhom jitqiesu li jkun rrilaxxaw il-merkanzija meta ma jkunux għażluha għal kwalunkwe kontroll;***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-perjodu ta' żmien raġonevoli nbidel għal 30 jum kalendarju. Għalhekk, ma huwiex meħtieġ Att Delegat.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 74

*Test propost mill-Kummissjoni*

(74) ***FI-2032***, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jużaw, fuq bażi volontarja, il-kapaċitajiet tal-Pjattaforma tad-Data

*Emenda*

(74) ***Mill-1 ta' Jannar 2029***, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jużaw, fuq bażi volontarja, il-kapaċitajiet tal-Pjattaforma

Doganali tal-UE. *Sa tmiem l-2037*, jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tiġi żviluppata bis-sħiħ, u l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom jużawha. *L-preżuntiooperaturi* ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u l-importaturi se jiġu ssorveljati mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. B'deroga u soġġetti għal rieżami, l-operaturi li la jkunu operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u lanqas importaturi preżunti jibqgħu taħt is-superviżjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tinsab fiżikament il-merkanzija. Sal-31 ta' Diċembru **2035**, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ mudelli ta' superviżjoni, inkluż fir-rigward tal-effettività tagħhom għall-identifikazzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tikkunsidra wkoll aspetti ta' tassazzjoni indiretta. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tiddeċiedi permezz ta' att delegat jekk jenħtieġ li ż-żewġ mudelli jkomplu jew jekk, fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-awtorità doganali responsabbli għall-post tal-istabbiliment tal-kummerċjant tirrilaxxa l-merkanzija. Jenħtieġ li l-post tat-tiġrib ta' dejn doganali jiġi rregolat ukoll f'konformità mad-determinazzjoni tal-awtorità doganali responsabbli,

tad-Data Doganali tal-UE. *Sal-31 ta' Diċembru 2032*, jenħtieġ li l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tiġi żviluppata bis-sħiħ, u l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom jużawha. *Il-preżuntiooperaturi* ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u l-importaturi se jiġu ssorveljati mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. B'deroga u soġġetti għal rieżami, l-operaturi li la jkunu operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) u lanqas importaturi preżunti jibqgħu taħt is-superviżjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tinsab fiżikament il-merkanzija. Sal-31 ta' Diċembru **2031**, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ mudelli ta' superviżjoni, inkluż fir-rigward tal-effettività tagħhom għall-identifikazzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tikkunsidra wkoll aspetti ta' tassazzjoni indiretta. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun intitolata tiddeċiedi permezz ta' att delegat jekk jenħtieġ li ż-żewġ mudelli jkomplu jew jekk, fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-awtorità doganali responsabbli għall-post tal-istabbiliment tal-kummerċjant tirrilaxxa l-merkanzija. Jenħtieġ li l-post tat-tiġrib ta' dejn doganali jiġi rregolat ukoll f'konformità mad-determinazzjoni tal-awtorità doganali responsabbli,

Or. en

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll Ambjent ta' Tiegħa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (“Ambjent ta' Tiegħa Unika tal-UE għad-Dwana”) li***

*jipprovd i sett integrat ta' servizzi elettroniċi interoperabbli fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali permezz tas-Sistema ta' Skambju taċ-Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea.*

Or. en

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-iżgurar tal-ġbir xieraq tad-dazji doganali u ta' imposti oħrajn;

*Emenda*

(a) l-iżgurar tal-ġbir *effiċjenti u* xieraq tad-dazji doganali u ta' imposti oħrajn;

Or. en

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-protezzjoni tal-Unjoni minn kummerċ inġust, mhux konformi u illegali, inkluż permezz ta' monitoraġġ mill-qrib tal-operaturi ekonomiċi u tal-ktajjen tal-provvista u qafas minimu ta' ksur u ta' penali doganali;

*Emenda*

(d) il-protezzjoni tal-Unjoni minn kummerċ inġust, mhux konformi u illegali, inkluż permezz ta' monitoraġġ mill-qrib tal-operaturi ekonomiċi, *tas-setturi* u tal-ktajjen tal-provvista u qafas minimu ta' ksur u ta' penali doganali;

Or. en

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) is-sostenn għal attività kummerċjali leġittima, billi jinżamm bilanċ xieraq bejn il-kontrolli doganali u l-iffaċilitar tal-kummerċ leġittimu u s-simplifikazzjoni tal-proċessi u tal-proċeduri doganali.

*Emenda*

(e) is-sostenn għal attività kummerċjali leġittima **kollha**, billi jinżamm bilanċ xieraq bejn il-kontrolli doganali u l-iffaċilitar tal-kummerċ leġittimu u s-simplifikazzjoni tal-proċessi u tal-proċeduri doganali.

Or. en

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) tiġi promossa l-kosteffiċjenza billi tiġi evitata d-duplikazzjoni, u tiġi promossa l-effettività fil-proċessi doganali kif ukoll użu effiċjenti tar-riżorsi relatati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali;**

Or. en

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(eb) il-ġbir, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti sabiex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet abbażi ta' evidenza;**

Or. en



## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ec (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ec) ikun hemm kontribut għat-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'oqsma oħra, bħal dawk li jiproteġu s-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini, tar-residenti u tal-konsumaturi, l-ambjent u l-ktajjen tal-provvista;*

Or. en

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261 li jissupplimentaw u jemendaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali li japplikaw għall-kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(4). Dawk l-atti jistgħu jindirizzaw ċirkostanzi partikolari li jappartjenu għall-kummerċ ta' merkanzija tal-Unjoni li jinvolvi Stat Membru wieħed biss.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261 li jissupplimentaw u jemendaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali li japplikaw għall-kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(4). Dawk l-atti jistgħu jindirizzaw ċirkostanzi partikolari li jappartjenu għall-kummerċ ta' merkanzija tal-Unjoni li jinvolvi Stat Membru wieħed biss *jew diversi Stati Membri*.

Or. en

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) “importatur preżunt” tfisser kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun awtorizzata li tuża l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;

*Emenda*

(13) “importatur preżunt” tfisser kwalunkwe persuna involuta fil-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija li tiġi importata minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni, **inkluż** li tkun awtorizzata li tuża l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE;

Or. en

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 57**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(57) “dejn doganali” tfisser l-obbligu ta’ persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni li **japplika** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;

*Emenda*

(57) “dejn doganali” tfisser l-obbligu ta’ persuna biex tħallas l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni **u kwalunkwe tariffa oħra** li **japplikaw** għal merkanzija speċifika taħt il-leġiżlazzjoni doganali fis-seħħ;

Or. en

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(64) “kriżi” tfisser avveniment **jew sitwazzjoni** li **f’daqqa waħda tipperikola** s-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa u l-ħajja taċ-ċittadini, tal-operaturi ekonomiċi u tal-persunal tal-awtoritajiet doganali u **teħtieġ** miżuri urġenti fir-rigward tad-dħul, tal-ħruġ jew tat-tranżitu tal-merkanzija.

*Emenda*

(64) “kriżi” tfisser avveniment **eċċezzjonali, naturali jew ikkawżat mill-bniedem ta’ natura u skala straordinarja li jseħħ ġewwa jew barra mill-Unjoni**, li **jipperikola** s-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa u l-ħajja taċ-ċittadini, tal-operaturi ekonomiċi u tal-persunal tal-awtoritajiet doganali u **li tirrikjedi** miżuri urġenti fir-

rigward tad-dħul, tal-ħruġ jew tat-tranżitu  
tal-merkanzija;

Or. en

### **Emenda 32**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64a) “ċellola ta’ rispons għall-kriżijiet”  
tfisser punt ta’ kuntatt fl-Awtorità  
Doganali tal-UE li jikkoordina l-isforzi ta’  
rispons għall-kriżijiet tal-UE fl-Unjoni  
Doganali;**

Or. en

### **Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64b) “intrapriża żgħira u mikro” tfisser  
operatur ekonomiku kif definit fir-  
Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni  
2003/361/KE;**

Or. en

### **Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64c) “tariffi oħrajn” tfisser kwalunkwe  
tariffa li trid titħallas flimkien mad-dazji**

*doganali, mal-VAT, mat-tariffi tal-formalitajiet doganali u mat-tariffi tal-kurrier;*

Or. en

### **Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(64d) “klijent aħħari” tfisser persuna fiżika jew morali residenti jew stabbilita fl-Unjoni, li għaliha jkun sar disponibbli prodott minn bejjiegħ jew suq;*

Or. en

### **Emenda 36**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(64e) “sistema nazzjonali ta’ tieqa unika għad-dwana” tfisser sett ta’ servizzi elettroniċi stabbilit minn Stat Membru biex jippermettu l-iskambju ta’ informazzjoni bejn is-sistemi elettroniċi tal-awtorità doganali tagħha, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi;*

Or. en

### **Emenda 37**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64f (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64f) “awtorità kompetenti sieħba”  
tfisser il-Kummissjoni jew kwalunkwe  
awtorità ta’ Stat Membru li għandha s-  
setgħa li twettaq funzjoni mogħtija fir-  
rigward tat-twettiq tal-formalitajiet mhux  
doganali rilevanti tal-Unjoni;**

Or. en

### **Emenda 38**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64g (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64g) “formalità mhux doganali tal-  
Unjoni” tfisser l-operazzjonijiet kollha li  
jridu jitwettqu minn operatur ekonomiku  
jew minn awtorità kompetenti sieħba  
għall-moviment internazzjonali tal-  
merkanzija, kif stabbilit fid-dritt tal-  
Unjoni għajr il-liġi doganali tal-Unjoni;**

Or. en

### **Emenda 39**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64h (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64h) “dokument ta’ sostenn” tfisser  
kwalunkwe dokument meħtieġ maħruġ  
minn awtorità kompetenti sieħba jew  
imfassal minn operatur ekonomiku, jew  
kwalunkwe informazzjoni meħtieġa  
pprovduta minn operatur ekonomiku, biex  
jiċċertifika li jkunu ġew issodisfati l-  
formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni;**

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64i (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64i)** “*ġestjoni tal-kwantità*” *tfisser l-attività ta’ monitoraġġ u ġestjoni tal-kwantità ta’ merkanzija awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti sħab, f’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għajr il-leġiżlazzjoni doganali, ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet doganali;*

Or. en

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64j (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64j)** “*sistema mhux doganali tal-Unjoni*” *tfisser kwalunkwe sistema elettronika tal-Unjoni stabbilita minn atti legali tal-Unjoni, li tintuża sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tad-dritt tal-Unjoni, jew imsemmija fl-atti legali tal-Unjoni li jintużaw biex tinħażen informazzjoni dwar it-twettiq tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni;*

Or. en

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 64k (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(64k) “Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (in-numru EORI)” tfisser “Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operatur Ekonomiku (in-numru EORI)” kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (18), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 (14);**

Or. en

### **Emenda 43**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-awtoritajiet doganali għandhom, mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn **30** jum tal-kalendarju minn meta jirċievu l-applikazzjoni għal deċiżjoni, jivverifikaw jekk ikunux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.

L-awtoritajiet doganali għandhom, mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn **14-il** jum tal-kalendarju minn meta jirċievu l-applikazzjoni għal deċiżjoni, jivverifikaw jekk ikunux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' dik l-applikazzjoni.

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*30 jum għall-awtoritajiet doganali biex jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet humiex issodisfati huma twal wisq.*

### **Emenda 44**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta l-awtoritajiet doganali jistabbilixxu li l-applikazzjoni ma jkunx fiha l-informazzjoni meħtieġa kollha, għandhom

Meta l-awtoritajiet doganali jistabbilixxu li l-applikazzjoni ma jkunx fiha l-informazzjoni meħtieġa kollha, għandhom

jitolbu lill-applikant sabiex jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali rilevanti sa limitu ta' żmien raġonevoli li ma għandux jaqbeż it-30 jum tal-kalendarju. Anki meta l-awtoritajiet doganali jkunu talbu informazzjoni addizzjonali lill-applikant, huma għandhom jiddeċiedu jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta u tistax tiġi aċċettata jew jekk hijiex kompluta u għandhom jiġu rrifjutati f'perjodu li ma għandux jaqbeż is-60 jum tal-kalendarju mid-data tal-ewwel applikazzjoni. Jekk l-awtoritajiet doganali ma jinformat b'mod espliċitu lill-applikant f'dak il-perjodu jekk l-applikazzjoni ġietx aċċettata, l-applikazzjoni għandha titqies bħala aċċettata fi tmiem is-60 jum tal-kalendarju.

jitolbu lill-applikant sabiex jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali rilevanti sa limitu ta' żmien raġonevoli li ma għandux jaqbeż it-30 jum tal-kalendarju. Anki meta l-awtoritajiet doganali jkunu talbu informazzjoni addizzjonali lill-applikant, huma għandhom jiddeċiedu jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta u tistax tiġi aċċettata jew jekk hijiex kompluta u għandhom jiġu rrifjutati f'perjodu li ma għandux jaqbeż is-60 jum tal-kalendarju mid-data tal-ewwel applikazzjoni. Jekk l-awtoritajiet doganali ma jinformat b'mod espliċitu lill-applikant f'dak il-perjodu jekk l-applikazzjoni **hijiex kompluta u** ġietx aċċettata, l-applikazzjoni għandha titqies bħala aċċettata fi tmiem is-60 jum tal-kalendarju.

Or. en

#### Emenda 45

##### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Ħlief meta jkun previst mod ieħor, l-awtorità doganali kompetenti għandha tiegħu deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard minn **120** jum tal-kalendarju mid-data tal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni u għandha tinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien.

###### *Emenda*

Ħlief meta jkun previst mod ieħor, l-awtorità doganali kompetenti għandha tiegħu deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard minn **90** jum tal-kalendarju mid-data tal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni u għandha tinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien.

Or. en

###### *Ġustifikazzjoni*

*90 jum huma biżżejjed biex l-awtoritajiet doganali jieħdu deċiżjoni.*



## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, ***l-applikant jista' jikkunsidra t-talba li għet miċħuda u jista' jappella tali deċiżjoni negattiva. L-applikant jista' jinforma wkoll lill-Awtorità Doganali tal-UE li l-awtoritajiet doganali ma ħadux deċiżjoni sal-limiti ta' żmien rilevanti.***

*Emenda*

Meta l-awtoritajiet doganali jonqsu milli jieħdu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi, ***l-applikazzjoni għandha titqies bħala kompluta u aċċettata.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Inkella, dan ikun illegalment detrimental għall-applikant u jista' jkun hemm nuqqas ta' responsabbiltà min-naħa tal-awtoritajiet doganali.*

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(f) f'każijiet speċifiċi oħrajn.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ambigwu, jagħti aktar spazju lill-awtoritajiet doganali biex ma jinfurmawx lill-applikant bid-deċiżjoni.*

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(g) il-każijiet speċifiċi, imsemmijin fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu, il-punt (f) ta' dan l-Artikolu.**

**imħassar**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-punt (f) tal-paragrafu 6 huwa mneħħi.*

## **Emenda 49**

### **Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. L-operatur ekonomiku awtorizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jgawdi minn aktar faċilitazzjonijiet minn operaturi ekonomiċi oħrajn fir-rigward ta' kontrolli doganali skont it-tip ta' awtorizzazzjoni mogħtija, inklużi kontrolli fiżiċi u bbażati fuq id-dokumenti anqas frekwenti. L-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għandu jitqies b'mod favorevoli għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju doganali.

6. L-operatur ekonomiku awtorizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jgawdi minn aktar faċilitazzjonijiet minn operaturi ekonomiċi oħrajn fir-rigward ta' kontrolli doganali skont it-tip ta' awtorizzazzjoni mogħtija, inklużi kontrolli fiżiċi u bbażati fuq id-dokumenti anqas frekwenti. L-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għandu jitqies b'mod favorevoli għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju doganali.  
***F'każijiet debitament ġustifikati, l-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu lill-operatur ekonomiku awtorizzat il-possibbiltà li jipprovdi informazzjoni dwar il-merkanzija wara r-rilaxx tagħha.***

Or. en

## **Emenda 50**

### **Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta,

2. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li***

PE755.046v01-00

34/96

PR\1289320MT.docx

*permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-modalitajiet għall-applikazzjoni tal-kriterji msemmijin fil-paragrafi 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).*

tadotta atti *delegati, f'konformità mal-Artikolu 261, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati* għall-applikazzjoni tal-kriterji *msemmija* fil-paragrafu 1.

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għall-kriterji li jagħtu l-istatus ta' AEO, il-Parlament Ewropew ikun aktar involut f'atti delegati milli f'atti ta' implimentazzjoni.*

#### **Emenda 51**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. **Importatur jew esportatur**, li jkun residenti jew reġistrat fit-territorju doganali tal-Unjoni, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u jkun wettaq operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas **3 snin**, jista' japplika għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna.

###### *Emenda*

1. **Kwalunkwe persuna jew operatur ekonomiku**, li jkun residenti jew reġistrat fit-territorju doganali tal-Unjoni, jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u jkun wettaq operazzjonijiet doganali regolari matul in-negozju ta' dik il-persuna għal tal-anqas **sentejn**, jista' japplika għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) mal-awtorità doganali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita dik il-persuna. **L-importaturi jew l-esportaturi li diġà għandhom l-istatus ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati jistgħu japplikaw immedjatament għall-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check).**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Biex in-negozji jsiru operaturi ta' Fiduċja u Vverifikat (operaturi Trust and Check) aktar malajr.*

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu l-istatus wara konsultazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, jekk ikun neċessarju, u wara li jkollhom aċċess għad-data rilevanti tal-applikant għall-aħħar **3 snin** sabiex jivvalutaw il-konformità mal-kriterji fil-paragrafu 3.

#### *Emenda*

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu l-istatus wara konsultazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn, jekk ikun neċessarju, u wara li jkollhom aċċess għad-data rilevanti tal-applikant għall-aħħar **sentejn** sabiex jivvalutaw il-konformità mal-kriterji fil-paragrafu 3.

Or. en

## Emenda 53

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) standards xierqa ta' sigurtà, ta' sikurezza u ta' konformità, adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa. L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta' tipi speċifiċi ta' merkanzija, ta' persunal u ta' identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;

#### *Emenda*

(e) standards xierqa ta' sigurtà, ta' sikurezza u ta' konformità, **inkluża s-sikurezza tal-prodott** adattati għat-tip u għad-daqs tal-attività mwettqa.

***L-applikant għandu jkun meħtieġ jipparteċipa f'taħriġ obbligatorju pprovdut mill-awtoritajiet kompetenti relatat mat-tip ta' attività.***

L-istandards għandhom jitqiesu bħala ssodisfati meta l-applikant juri li huwa jżomm miżuri xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-provvista internazzjonali, inkluż fl-oqsma

tal-integrità fiżika u tal-kontrolli tal-aċċess, tal-proċessi loġistiċi u tat-trattament ta' tipi speċifiċi ta' merkanzija, ta' persunal u ta' identifikazzjoni tas-sħab kummerċjali tiegħu;

Or. en

## Emenda 54

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) li jkun hemm sistema elettronika **li tipprovdi jew li tagħmel** disponibbli **għall-awtoritajiet** doganali f'ħin reali d-data kollha dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn:

##### *Emenda*

(f) li jkun hemm sistema elettronika disponibbli **b'mod eċċezzjonali li permezz tagħha l-awtoritajiet** doganali **jkunu jistgħu jaċċessaw** f'ħin reali d-data kollha **xierqa** dwar il-moviment tal-merkanzija u l-konformità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1 mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal dik il-merkanzija, inkluż fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà u inkluża, meta rilevanti, il-kondiviżjoni fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE ta' dawn, **f'konformità mal-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterji għal tali aċċess stabbiliti fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 10, punt b) ġdid:**

Or. en

## Emenda 55

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Tal-anqas kull **3 snin** l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check). L-operatur ta'

##### *Emenda*

Tal-anqas kull **sentejn** l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check). L-operatur ta'

Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjieda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu. L-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istatus tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu din l-awtorizzazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-rivalutazzjoni.

Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjieda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu. L-awtoritajiet doganali għandhom jivvalutaw mill-ġdid l-istatus tal-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika. L-awtoritajiet doganali jistgħu jissospendu din l-awtorizzazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-rivalutazzjoni.

Or. en

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Meta operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) jbiddu l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi jistgħu jivvalutaw mill-ġdid l-awtorizzazzjoni ta' Fiduċja u ta' Verifika, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li inizjalment ikun ta l-istatus u jkunu rċivew ir-rekords preċedenti dwar l-operaturi. Matul ir-rivalutazzjoni, l-awtorità doganali tal-Istat Membru li tkun tat l-awtorizzazzjoni inizjali tista' tissospendiha.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

***L-operatur*** ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjeda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu ***jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet ikollha impatt fuq l-istatus ta' Fiduċja u ta' Verifika.***

*Emenda*

***Meta operatur*** ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) ***jibdel l-Istat Membru tal-istabiliment tiegħu, huwa*** għandu jinforma lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva, fis-sjeda, fis-sitwazzjoni tas-solvenza, fil-mudelli ta' negozjar tiegħu jew dwar kwalunkwe bidla sinifikanti oħra fis-sitwazzjoni u fl-attivitajiet tiegħu.

Or. en

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

***L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi jistgħu jivvalutaw mill-ġdid f'konsultazzjoni mal-Istat Membru li inizjalment ikun ta l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jekk kwalunkwe waħda minn dawn il-bidliet għandhiex impatt fuq l-istatus ta' Fiduċja u Vverifikat tiegħu. Jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi jistgħu jissospendu l-awtorizzazzjoni inizjali. Tali sospensjoni għandha tiġi nnotifikata fil-Pjattaforma tad-Data Doganali. Sa mhux aktar tard minn tliet snin wara li l-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) ikun biddel l-Istat Membru tal-istabiliment tiegħu jew wara li l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi jkunu vvalutaw mill-***

*ġdid l-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) u kull tliet snin wara dan, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru riċeventi għandhom iwettqu monitoraġġ fil-fond tal-attivitajiet u tar-rekords interni tal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) imsemmi fil-paragrafu 4.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-awtorità doganali tal-Istat Membru riċeventi tista' tissospendi l-istatus, mhux dik tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni inizjali.*

#### **Emenda 59**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jkun suspettat li jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu, l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż.

###### *Emenda*

Meta operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jkun suspettat li jkun involut f'attività frawdolenti fir-rigward tal-attività ekonomika jew kummerċjali tiegħu, l-istatus tiegħu għandu jiġi sospiż *mill-awtoritajiet doganali. Dik is-sospensjoni għandha tiġi nnotifikata fil-Pjattaforma tad-Data Doganali.*

Or. en

#### **Emenda 60**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 7 – parti introduttorja**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-awtoritajiet doganali **jistgħu** jawtorizzaw lill-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check)

###### *Emenda*

7. L-awtoritajiet doganali **għandhom** jawtorizzaw lill-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check)



sabiex:

sabiex:

Or. en

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi biex jagħtu l-faċilitazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7 b'mod uniformi madwar l-Unjoni. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoordina l-ħidma tal-awtoritajiet doganali u timmonitorja dik l-applikazzjoni uniformi sabiex il-faċilitazzjonijiet ikunu jistgħu jingħataw awtomatikament mal-ħatra bħala operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check).**

Or. en

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

8. L-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) għandhom **igawdu** minn aktar faċilitazzjonijiet minn operaturi ekonomiċi oħrajn fir-rigward ta' kontrolli doganali skont l-awtorizzazzjoni mogħtija, inklużi kontrolli fiżiċi u bbażati fuq id-dokumenti anqas frekwenti. L-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jitqies b'mod favorevoli għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju doganali.

8. L-operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) għandhom **jibbenefikaw** minn aktar faċilitazzjonijiet minn operaturi ekonomiċi oħrajn fir-rigward ta' kontrolli doganali skont l-awtorizzazzjoni mogħtija, inklużi kontrolli fiżiċi u bbażati fuq id-dokumenti anqas frekwenti. L-istatus ta' operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) għandu jitqies b'mod favorevoli għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju doganali.

### Emenda 63

#### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261, sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi ***jistabbilixxu t-tip u l-frekwenza tal-attivitajiet ta' monitoraġġ imsemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.***

*Emenda*

10. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261, sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi:

Or. en

### Emenda 64

#### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 10 – punt a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) jistabbilixxu t-tip u l-frekwenza tal-attivitajiet ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 4;***

Or. en

### Emenda 65

#### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 10 – punt b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b) l-arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 3.***

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Sad-data stabbilita fl-Artikolu 265(4)***, l-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu lill-persuni li jissodisfaw il-kriterji l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali u jawtorizzawhom sabiex jibbenefikaw minn ċerti simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet f'konformità mal-leġislazzjoni doganali.

*Emenda*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu lill-persuni li jissodisfaw il-kriterji l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali u jawtorizzawhom sabiex jibbenefikaw minn ċerti simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet f'konformità mal-leġislazzjoni doganali.

Or. en

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Titolu II – Kapitolu 5 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

5 Rappreżentanza doganali

*Emenda*

Rappreżentanza doganali

Or. en

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Mill-1 ta' Jannar 2029 u għal perjodu ta' ħames snin wara dan, għandu jkun possibbli għal rappreżentant doganali li jaġixxi bħala rappreżentant dirett li jiġi rikonoxxut ukoll bħala operatur ta' Fiduċja u Vverifikat***

*(operatur Trust and Check) jekk il-persuna li f'isimha u għan-nom tagħha dak ir-rappreżentant qed jaġixxi tkun intrapriża żgħira jew mikro.*

Or. en

## **Emenda 69**

### **Proposta għal regolament Titolu IVa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***Titolu IIa***

***L-istabbiliment ta' Ambjent ta' Tieqa Unika għad-Dwana***

#### ***Kapitolu I***

***Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u Sistema Elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea***

#### ***Artikolu 28a***

***L-istabbiliment ta' Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana***

***1. Huwa stabbilit Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Dan għandu jinkludi:***

***(a) Sistema elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea;***

***(b) ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana;***

***(c) is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fil-Parti A tal-Anness Ia, li l-użu tagħhom huwa obbligatorju skont id-dritt tal-Unjoni;***

***(d) is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fil-Parti B tal-Anness Ia, li l-użu tagħhom huwa volontarju skont id-dritt tal-Unjoni.***

***2. L-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE***

*għad-Dwana u l-komponenti tiegħu għandu jkun iddisinjat, interkonness u operat f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-fluss liberu ta' data mhux personali u ċ-ċibersigurtà, permezz tal-aktar teknoloġiji xierqa filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari tad-data speċifika u s-sistemi elettroniċi kkonċernati, u l-finijiet ta' dawk is-sistemi.*

**Artikolu 28b**

*L-istabbiliment tas-Sistema elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea*

*Is-sistema elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea (CSW-CERTEX tal-UE) hija stabbilita biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni, kif previst fil-Kapitolu III. Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tgħaqqad l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness Ia.*

**Artikolu 28c**

*Rwoli u responsabbiltajiet taas-CSW-CERTEX tal-UE*

*1. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa, tintegra u topera s-CSW-CERTEX tal-UE.*

*2. Il-Kummissjoni għandha:*

*(a) tikkonnettja s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness Ia mas-CSW-CERTEX tal-UE sad-dati stabbiliti fl-Anness Ia u tippermetti li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fih;*

*(b) tipprovdi gwida u assistenza f'waqthom lill-Istati Membri meta jikkonnettjaw mas-CSW-CERTEX tal-UE kif imsemmi fil-paragrafi 4 u 5.*

*3. Meta l-Kummissjoni tipprovdi taħriġ dwar is-CSW-CERTEX tal-UE, hija*

*għandha tagħmel dan skont ir-Regolament (UE) 2021/444 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

*4. L-Istati Membri, assistiti meta meħtieġ mill-Kummissjoni, għandhom jikkonnettjaw l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE sad-dati stabbiliti fil-Parti A tal-Anness Ia, u jippermettu li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti A tiegħu.*

*5. L-Istati Membri, assistiti, meta meħtieġ, mill-Kummissjoni, jistgħu jikkonnettjaw l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE u jippermettu li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti B tal-Anness Ia.*

*6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261 biex temenda l-Parti A tal-Anness Ia, fir-rigward tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni stabbiliti fl-atti legali tal-Unjoni għajr dawk li jittrattaw id-dwana, u d-dati għall-konnessjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.*

*7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261 biex temenda l-Parti B tal-Anness Ia rigward:*

*(a) il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u s-sistemi mhux doganali volontarji tal-Unjoni rispettivi tagħhom stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali, meta l-użu tas-CSW-CERTEX tal-UE jkun previst f'dik il-leġiżlazzjoni;*

*(b), formalitajiet u sistemi mhux doganali tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(16)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005<sup>(17)</sup> u (KE) Nru*

338/97<sup>(18)</sup>; u

*(c) id-data għall-konnessjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.*

---

<sup>16</sup> *Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).*

<sup>17</sup> *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).*

<sup>18</sup> *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).*

**Artikolu 28d**

**Proċessar ta' data personali fis-CSW-CERTEX tal-UE**

**1. L-iproċessar ta' data personali jista' jsir fis-CSW-CERTEX tal-UE għall-finijiet li ġejjin biss:**

**(a) biex jiippermetti li tiġi skambjata informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness Ia fir-rigward tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fih;**

**(b) biex titwettaq it-trasformazzjoni kummerċjali u teknika tad-data elenkata fl-Artikolu 28h(2), meta meħtieġ, sabiex ikun jista' jsir l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.**

*2. L-ipproċessar ta' data personali jista' jsir fis-CSW-CERTEX tal-UE biss fir-rigward tal-kategoriji tas-suġġetti ta' data li ġejjin:*

*(a) persuni fiżiċi li l-informazzjoni personali tagħhom tinsab fid-dikjarazzjoni doganali jew fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid;*

*(b) persuni fiżiċi li l-informazzjoni personali tagħhom tinsab fid-dokumenti ta' sostenn, jew fi kwalunkwe evidenza dokumentarja addizzjonali oħra meħtieġa għat-twertiq tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia;*

*(c) persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab, jew kwalunkwe awtorità rilevanti oħra jew korp awtorizzat li l-informazzjoni personali tiegħu tkun tinsab fi kwalunkwe dokument imsemmi fil-punti (a) u (b);*

*(d) persunal tal-Kummissjoni u fornituri terzi li jaġixxu f'isem il-Kummissjoni li jwettqu operazzjonijiet relatati mas-CSW-CERTEX tal-UE u attivitajiet ta' manutenzjoni.*

*3. L-ipproċessar ta' data personali jista' jsir fis-CSW-CERTEX tal-UE biss fir-rigward tal-kategoriji ta' data personali li ġejjin:*

*(a) l-isem, l-indirizz, il-kodiċi tal-pajjiż u n-numru ta' identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), meħtieġa jew mil-leġiżlazzjoni doganali jew mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr dik doganali biex jiġu ssodisfati l-formalitajiet doganali tagħhom u dawk mhux doganali tal-Unjoni;*

*(b) l-isem u l-firma tal-persunal imsemmi fil-paragrafu 2, il-punti (c) u (d).*

*4. Bl-eċċezzjoni tar-reġistri tekniċi li jindikaw id-dokumenti ta' sostenn skambjati u l-fluss ta' tali skambju, is-CSW-CERTEX tal-UE ma għandha taħżen l-ebda informazzjoni skambjata bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika*



*għad-dwana u għas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni.*

*5. It-trasformazzjoni tad-data personali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha titwettaq permezz tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tinsab fl-Unjoni.*

*Artikolu 28e*

*Kontroll konġunt tas-CSW-CERTEX tal-UE*

*1. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fis-CSW-CERTEX tal-UE, il-Kummissjoni għandha tkun kontrollur konġunt fis-sens tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, u l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab tal-Istati Membri responsabbli għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia għandhom ikunu kontrolluri konġunti fis-sens tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti biex jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4) ta' dan ir-Regolament.*

*3. Il-kontrolluri konġunti għandhom:*

*(a) jaħdmu flimkien biex jipproċessaw, fi żmien utli, it-talbiet magħmula mis-suġġetti tad-data;*

*(b) jassistu lil xulxin fi kwistjonijiet li jinvolvu l-identifikazzjoni u t-trattament ta' kwalunkwe ksur ta' data relatat mal-ipproċessar konġunt;*

*(c) jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jinfurmaw lis-suġġetti tad-data skont il-Kapitolu III, Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu III, Taqsima 2, tar-Regolament (UE)*

2018/1725;

*(d) jiżguraw u jipproteġu s-sigurtà, l-integrità, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità tad-data personali pproċessata b'mod konġunt skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725.*

## **Kapitolu II**

**Ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana**

### **Artikolu 28f**

**Stabbiliment ta' ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana**

**1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp, għall-integrazzjoni u għat-tħaddim tiegħu.**

**2. L-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għandhom jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE għall-finijiet tal-konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u l-infurzar effiċjenti tagħha u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia.**

**3. Għall-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti A tal-Anness Ia, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet li ġejjin:**

**(a) mezz ta' komunikazzjoni uniku għall-operaturi ekonomiċi, li jistgħu jużawh biex iwettqu l-formalitajiet doganali rilevanti u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni soġġetti għal kooperazzjoni diġitali addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 28j;**

**(b) ġestjoni tal-kwantità relatata mal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni,**

*meta applikabbli; u*

*(c) verifika awtomatika tal-konformità mal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia abbażi tad-data riċevuta mill-awtoritajiet doganali permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE minn sistemi mhux doganali tal-Unjoni.*

*4. Għal kull waħda mill-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti B tal-Anness Ia, jekk l-ambjent nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana jkun konness mas-CSW-CERTEX tal-UE f'konformità mal-Artikolu 28c(5), dak l-ambjent nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana għandu jipprovdli l-funzjonalitajiet kollha elenkati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.*

*5. L-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana jistgħu jintużaw bħala pjattaforma biex jiġu kkoordinati l-kontrolli magħmula f'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.*

*Artikolu 28g*

*Proċessar tad-data personali fl-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana*

*1. L-ipproċessar tad-data personali fl-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, għandu jsir b'mod separat mill-operazzjonijiet ta' pproċessar imsemmija fl-Artikolu 28d ta' dan ir-Regolament.*

*2. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità kompetenti waħda jew aktar biex jaġixxu ta' kontrollur tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa fl-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tiegħa unika għad-dwana.*

*3. Bl-eċċezzjoni tal-ksur li ma jikkonċernax id-data skambjata mas-CSW-CERTEX tal-UE, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ksur ta' data personali li jikkomprometti s-sigurtà, il-*

*kunfidenzjalità, id-disponibbiltà jew l-integrità tad-data personali pproċessata fl-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana.*

### **Kapitolu III**

*Kooperazzjoni diġitali – l-iskambju tal-informazzjoni u regoli proċedurali oħra*

#### **TAQSIMA 1**

**KOOPERAZZJONI DIĠITALI  
RELATATA MAL-FORMALITAJIET  
MHUX DOGANALI TAL-UNJONI**

#### **Artikolu 28h**

*Informazzjoni skambjata u pproċessata permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE u l-użu tagħha*

*1. Għal kull waħda mill-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tippermetti li tiġi skambjata informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali rilevanti tal-Unjoni għall-finijiet li ġejjin:*

*(a) id-data rilevanti ssir disponibbli lill-awtoritajiet doganali biex dawn iwettqu l-verifika meħtieġa ta' dawk il-formalitajiet f'konformità ma' dan ir-Regolament b'mod awtomatizzat;*

*(b) id-data rilevanti ssir disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti sħab biex dawn iwettqu l-ġestjoni tal-kwantità tal-merkanzija awtorizzata fis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni abbażi tal-merkanzija ddikjarata lill-awtoritajiet doganali u rilaxxata minn dawk l-awtoritajiet;*

*(c) l-iffaċilitar u l-appoġġ tal-integrazzjoni tal-proċeduri bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab, għat-twettiq awtomatizzat b'mod sħiħ tal-formalitajiet meħtieġa biex il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali jew biex tiġi esportata mill-ġdid, u l-kooperazzjoni dwar il-koordinazzjoni tal-kontrolli*

*f'konformità mal-Artikolu 43(3), mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni nazzjonali ta' dawk il-proċeduri;*

*(d) l-iffaċilitar ta' kwalunkwe trasferiment awtomatizzat ieħor ta' data bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab rilevanti meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-użu nazzjonali ta' dik id-data.*

*2. Għal kull waħda mill-formalitajiet tal-Unjoni mhux doganali elenkati fl-Anness Ia, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tipprevedi l-funzjonalitajiet li ġejjin:*

*(a) l-allinjament tat-terminoloġija doganali u dik mhux doganali meta possibbli, u l-identifikazzjoni tal-proċeduri doganali jew l-esportazzjoni mill-ġdid li għalihom jista' jintuża d-dokument ta' sostenn abbażi tad-deċiżjoni amministrattiva tal-awtorità kompetenti sieħba indikata fid-dokument ta' sostenn; u*

*(b) it-trasformazzjoni, meta meħtieġ, tal-format tad-data meħtieġa biex jitwettqu l-formalitajiet tal-Unjoni mhux doganali rilevanti f'format tad-data kompatibbli mad-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni mill-ġdid u viċe versa mingħajr ma jinbidel il-kontenut tad-data.*

*3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-elementi tad-data li għandhom jiġu skambjati permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*

*4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jispeċifikaw regoli speċifiċi għall-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, inkluż, meta xieraq, kwalunkwe*

*regola speċifika biex tiżgura l-protezzjoni ta' data personali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).*

## **TAQSIMA 2**

### **KOOPERAZZJONI DIĠITALI ADDIZZJONALI RELATATA MAL- FORMALITAJIET MHUX DOGANALI TAL-UNJONI**

#### **Artikolu 28i**

*Simplifikazzjoni tat-twettiq tal-formalitajiet doganali u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni*

*1. Għall-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti A tal-Anness Ia, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet li ġejjin:*

*(a) jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet doganali applikabbli u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni; u*

*(b) jinformaw lill-operaturi ekonomiċi bir-rispons elettroniku mill-awtoritajiet doganali u mill-awtoritajiet kompetenti sħab fir-rigward tat-twettiq tal-formalitajiet doganali u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni.*

*2. Għall-formalitajiet u għas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti B tal-Anness Ia, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jistgħu jipprovdu l-funzjonalitajiet elenkati fil-paragrafu 1. F'dik is-sitwazzjoni, għandu jiġi pprovdut l-istess sett ta' funzjonalitajiet bħal dawk elenkati fil-paragrafu 1.*

#### **Artikolu 28j**

*Formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni soġġetti għal kooperazzjoni diġitali addizzjonali*

*1. Formalità mhux doganali tal-Unjoni elenkata fl-Anness Ia għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 28f(3), il-punt (a), u l-Artikoli 28i, 28k, 28l u 28m, dment li l-Kummissjoni tkun iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li l-formalità kkonċernata tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dak il-paragrafu.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jiddeterminaw liema mill-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:*

*(a) hemm ammont ta' trikkib bejn id-data li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid u d-data li għandha tiġi inkluża fid-dokumenti ta' sostenn meħtieġa għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia;*

*(b) l-għadd ta' dokumenti ta' sostenn maħruġa fl-Unjoni għall-formalità speċifika ma huwiex negliġibbli;*

*(c) is-sistema korrispondenti mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness Ia tista' tidentifika l-operaturi ekonomiċi permezz tan-numru tal-EORI tagħhom;*

*(d) il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali tippermetti li titwettaq il-formalità speċifika permezz tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana f'konformità mal-Artikolu 28i. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).*

*Artikolu 28k*

*Armonizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni tad-data*

*1. Il-Kummissjoni għandha tidentifika s-sett ta' data komuni għad-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid u għad-dokumenti*

*ta' sostenn meħtieġa għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia ("sett ta' data komuni").*

*2. Il-Kummissjoni għandha tidentifika wkoll l-elementi tad-data addizzjonali soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali. Dawk l-elementi addizzjonali tad-data għandhom jiġu identifikati bl-akronimu korrispondenti tal-formalità mhux doganali tal-Unjoni elenkat fl-Anness Ia, segwit mis-suffiss "sett tad-data tal-awtorità kompetenti sieħba".*

*3. Is-sett ta' data komuni, l-elementi tad-data addizzjonali msemmija fil-paragrafu 2 u s-sett ta' data meħtieġa biex il-merkanzija tkun taħt proċedura doganali speċifika jew biex tiġi esportata mill-ġdid għandhom jikkostitwixxu sett ta' data integrat, li jkun fiha d-data kollha meħtieġa mill-awtoritajiet doganali u mill-awtoritajiet kompetenti sħab għall-iżdoganar tal-merkanzija.*

*4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 261, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika, minn naħa waħda, l-elementi tad-data tas-sett ta' data komuni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u, min-naħa l-oħra, l-elementi ta' data addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal kull wieħed mill-atti rilevanti tal-Unjoni applikabbli għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia.*

*Artikolu 28l*

*Preżentazzjoni ta' data doganali u mhux doganali tal-Unjoni minn operaturi ekonomiċi*

*1. Għall-finijiet tal-Artikolu 28i(1), il-punt (a), l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana jistgħu jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu sett ta' data integrat imsemmi fl-Artikolu 28k(3), inkluża dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid*



*ippreżentata qabel il-preżentazzjoni tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 68.*

*2. Is-sett ta' data integrat ippreżentat f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jittqies li jikkonsisti, kif xieraq, fid-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid u l-preżentazzjoni ta' data meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti sħab għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness Ia.*

*Artikolu 28m*

*Skambju ta' informazzjoni addizzjonali pproċessat permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE*

*1. Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tippermetti l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni għall-finijiet li ġejjin:*

*(a) it-trażmissjoni tad-data li ġiet identifikata bħala s-sett ta' data komuni skont l-Artikolu 28k(1), kif ukoll l-elementi ta' data addizzjonali applikabbli identifikati skont l-Artikolu 28k(2) (“sett ta' data tal-awtorità kompetenti sieħba”) biex l-awtoritajiet kompetenti sħab ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom fir-rigward tal-formalitajiet rilevanti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali;*

*(b) it-trażmissjoni lill-operaturi ekonomiċi għall-finijiet tal-Artikolu 28i(1), il-punt (b) ta' kwalunkwe feedback mill-awtoritajiet kompetenti sħab imdaħħal fis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni rilevanti.*

*2. Meta operatur ekonomiku jkun irregiſtrat mal-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 19, in-numru EORI għandu jintuża għall-iskambji ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*

*3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta'*

*implimentazzjoni biex tistabbilixxi  
arranġamenti proċedurali għall-iskambji  
ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu  
1 ta' dan l-Artikolu, inkluż, meta xieraq,  
kwalunkwe regola speċifika li tirregola l-  
protezzjoni tad-data personali. Dawk l-atti  
ta' implimentazzjoni għandhom jiġu  
adottati f'konformità mal-proċedura ta'  
eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).*

### **TAQSIMA 3**

#### **REGOLI PROĊEDURALI OĦRA**

##### **Artikolu 28n**

*Użu tas-sistema EORI mill-awtoritajiet  
kompetenti sħab*

*Fit-twettiq ta' dmiriethom, l-awtoritajiet  
kompetenti sħab għandu jkollhom aċċess  
għas-sistema EORI biex jivvalidaw id-  
data rilevanti dwar l-operaturi ekonomiċi  
maħżuna f'dik is-sistema.*

##### **Artikolu 28o**

###### **Koordinaturi nazzjonali**

*Kull Stat Membru għandu jaħtar  
koordinatur nazzjonali għall-Ambjent ta'  
Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-  
Dwana. Il-koordinatur nazzjonali għandu  
jwettaq il-kompiti li ġejjin sabiex jappoġġa  
l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament:*

*(a) jaġixxi bħala punt ta' kuntatt  
nazzjonali għall-Kummissjoni għall-  
kwistjonijiet kollha relatati mal-  
implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;*

*(b) jippromwovi u jappoġġa, fuq livell  
nazzjonali, il-kooperazzjoni bejn l-  
awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet  
kompetenti sħab nazzjonali;*

*(c) jikkoordina l-attivitajiet relatati mal-  
konnessjoni ta' ambjenti nazzjonali ta'  
tieqa unika għad-dwana mas-CSW-  
CERTEX tal-UE, u l-għoti ta'  
informazzjoni f'konformità mal-Artikolu  
28r(4).*

##### **Kapitolu IV**

*Spejjeż tas-CSW-CERTEX tal-UE, il-*

*programm ta' ħidma, u l-monitoraġġ u r-rapportar*

*Artikolu 28p*

*Spejjeż*

*1. L-ispejjeż assoċjati mal-iżvilupp, mal-integrazzjoni u mal-operat tas-CSW-CERTEX tal-UE u l-interkonnessjonijiet tagħha mas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni għandhom jinġarru mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.*

*2. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż imġarrba fir-rigward tal-iżvilupp, tal-integrazzjoni u tal-operat tal-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana u l-konnessjoni tal-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE.*

*Artikolu 28q*

*Programm ta' ħidma*

*Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, biex tistabbilixxi programm ta' ħidma ħalli tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness mas-CSW-CERTEX tal-UE u l-integrazzjoni tal-formalitajiet mhux doganali rispettivi tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).*

*Il-programm ta' ħidma msemmi fl-ewwel paragrafu għandu jiġi rieżaminat u aġġornat regolarment, u tal-inqas darba kull tliet snin, sabiex tiġi vvalutata u mtejba l-implimentazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament.*

*Artikolu 28r*

*Monitoraġġ u rapportar*

*1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment il-funzjonament tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, filwaqt li tqis fost l-oħrajn l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' monitoraġġ u*

*pprovduta mill-Istati Membri, inkluża informazzjoni dwar il-funzjonament tal-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa regolarment il-prestazzjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE. Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-Unjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE.*

*3. Sal-31 ta' Diċembru 2027 u kull sena wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jinkludi:*

*(a) ħarsa ġenerali tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni;*

*(b) ħarsa ġenerali dettaljata tal-istadju ta' progress li kull Stat Membru jkun laħaq fl-ambitu tal-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament; u*

*(c) ħarsa ġenerali dettaljata tal-progress ġenerali tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana fir-rigward tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 28q.*

*Sal-31 ta' Diċembru 2027 u kull tliet snin wara dan, ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, rispettivament, inkluż l-impatt fuq l-operaturi ekonomiċi, u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*

*4. L-Istati Membri għandhom, fuq talba mill-Kummissjoni, jipprovdu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li tkun meħtieġa għar-*

*rapport imsemmi fil-paragrafu 3.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar it-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana (CSW) jiżdiedu mal-proposta, peress li l-għan huwa li jitħassar ir-Regolament CSW u li jinħoloq qafas doganali komuni (KDU) li jinkludi wkoll is-CSW.*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE għandu jipprovdi sett sigur u ċiberreżiljenti ta' servizzi u ta' sistemi elettroniċi għall-użu ta' data inkluża data personali għal finijiet doganali. Għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

*Emenda*

1. Il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE għandu jipprovdi sett sigur u ċiberreżiljenti ta' servizzi u ta' sistemi elettroniċi għall-użu ta' data inkluża data personali **u data oħra** għal finijiet doganali. Għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

Or. en

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tiżgura l-kwalità, l-integrità, it-traċċabbiltà u n-nonripudju tad-data pproċessata fiha, inkluża l-emenda ta' tali data;

*Emenda*

(b) tiżgura l-kwalità, l-integrità, **is-sigurtà**, it-traċċabbiltà u n-nonripudju tad-data pproċessata fiha, inkluża l-emenda ta' tali data;

Or. en

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) tippermetti l-analiżi tar-riskju, l-analiżi ekonomika u l-analiżi tad-data, inkluż permezz tal-użu ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mal-[Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali 2021/0106 (COD)]<sup>65</sup> ;

---

<sup>65</sup> Ir-Regolament (UE) ....../. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L.....././., p..). [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM(2021) 206 final, 2021/0106(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.]

#### *Emenda*

(d) tippermetti l-analiżi tar-riskju, l-analiżi ekonomika u l-analiżi tad-data, ***is-simplifikazzjoni tad-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ*** inkluż permezz tal-użu ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mal-[Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali 2021/0106 (COD)]<sup>65</sup> ;

---

<sup>65</sup> Ir-Regolament (UE) ....../. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L.....././., p..). [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument COM(2021) 206 final, 2021/0106(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.]

Or. en

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 29a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

#### ***Artikolu 29a***

#### ***Fażi pilota fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE***

***1. Qabel id-data speċifikata fl-Artikolu 265(3), il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi fażi pilota għall-użu tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. Il-fażi pilota għandha tkun volontarja u jkollha l-għan li tittestja l-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.***

***2. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-Awtorità Doganali tal-UE, mal-***

*awtoritajiet doganali u ma' awtoritajiet oħra, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti matul l-ippjanar u l-organizzazzjoni tal-fażi pilota.*

**3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jispeċifikaw dan li ġej:**

**(a) l-arranġamenti tekniċi għall-ippjanar u għall-organizzazzjoni;**

**(b) il-funzjonalitajiet li għandhom jiġu applikati u ttestjati;**

**(c) it-tul eżatt tal-fażi pilota.**

**Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 262(4).**

Or. en

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri **jistgħu** jiżviluppaw l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex jikkollegaw mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sabiex jipprovdu data lill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jipproċessaw data minnha.

*Emenda*

1. L-Istati Membri **għandhom jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex** jiżviluppaw l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex jikkollegaw mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE sabiex jipprovdu data lill-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE u jipproċessaw data minnha, **jekk dawk l-applikazzjonijiet ma jkunux jeżistu diġà.**

Or. en

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 4 – punt ħa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ħa) il-kontribut għat-titjib tal-infurzar ta' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-unjoni.***

Or. en

## **Emenda 76**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 31 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Kummissjoni għandha ttipproċessa biss id-data sal-punt li tkun meħtieġa u utli biex jiġu ssodisfati l-finijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.***

Or. en

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 37 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali jew il-korpi tal-Unjoni jagħmlu użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' din, jew imsemmija fiha, il-kooperazzjoni tista' sseħħ permezz tal-interoperabbiltà ta' dawk il-mezzi elettroniċi mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

3. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali jew il-korpi tal-Unjoni ***jew l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi*** jagħmlu użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' din, jew imsemmija fiha, il-kooperazzjoni tista' sseħħ permezz tal-interoperabbiltà ta' dawk il-mezzi elettroniċi mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

Or. en



## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali ma jagħmlux użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' din, jew imsemmija fiha, dawk l-awtoritajiet jistgħu jużaw is-servizzi u s-sistemi speċifiċi tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 31.

#### *Emenda*

4. Meta l-awtoritajiet għajr l-awtoritajiet doganali, ***inklużi l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi***, ma jagħmlux użu minn mezzi elettroniċi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, użati sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' din, jew imsemmija fiha, dawk l-awtoritajiet jistgħu jużaw is-servizzi u s-sistemi speċifiċi tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 31.

Or. en

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-awtoritajiet doganali, għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju sabiex ittejjeb kontinwament l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali u strateġiċi tagħha tal-anqas darba kull sentejn; barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti sabiex jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni meta tqis li dawn ikunu neċessarji, u fuq bażi kontinwa.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Doganali tal-UE u mal-awtoritajiet doganali, għandha tevalwa l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju sabiex ittejjeb kontinwament l-effettività u l-effiċjenza operazzjonali u strateġiċi tagħha tal-anqas darba kull sentejn. barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti sabiex jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni meta tqis li dawn ikunu neċessarji, u fuq bażi kontinwa.  
***Kwalunkwe evalwazzjoni għandha tiġi ppubblikata.***

Or. en

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 60 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) importatur jew esportatur ikun responsabbli għall-merkanzija;

*Emenda*

(a) importatur, ***persuna responsabbli***, jew esportatur ikun responsabbli għall-merkanzija;

Or. en

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 60 – paragrafu 3 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) meta jkollhom xi evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mal-leġislazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, ***sakemm dik il-leġislazzjoni ma tkunx teħtieġ li jiġu kkonsultati awtoritajiet oħrajn minn qabel***;

*Emenda*

(b) meta jkollhom xi evidenza li l-merkanzija ma tikkonformax mal-leġislazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali;

Or. en

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 60 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) meta leġislazzjoni oħra tkun tirrikjedi konsultazzjoni mal-awtoritajiet;***

Or. en

## Emenda 83

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – punt ii

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) *l-awtoritajiet l-oħrajn ma jkunux wieġbu sal-limitu ta' żmien iddeterminat fil-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, jew*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

## Emenda 84

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 60 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' daww il-prodotti **għal 15-il jum li jibdew min-notifika** tal-awtoritajiet l-oħrajn jew sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.

*Emenda*

(iii) l-awtoritajiet l-oħrajn jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali li jkun meħtieġ aktar żmien sabiex jiġi vvalutat jekk il-merkanzija tikkonformax mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, bil-kundizzjoni li ma jkunux talbu li tinżamm is-sospensjoni, u l-importatur, **il-persuna responsabbli** jew l-esportatur jipprovdi lill-awtoritajiet doganali t-traċċabbiltà sħiħa ta' daww il-prodotti tal-awtoritajiet l-oħrajn jew sakemm l-awtoritajiet l-oħrajn ikunu vvalutaw u kkomunikaw l-eżitu tal-kontrolli tagħhom lill-importatur, **il-persuna responsabbli** jew lill-esportatur, skont liema jiġi l-ewwel. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu t-traċċabbiltà disponibbli għall-awtoritajiet l-oħrajn.

Or. en

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 60 – paragrafu 6 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jitqiesu li jkunu rrilaxxaw il-merkanzija meta ma jkunux għażluha għal kwalunkwe kontroll fi **ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli** wara li:

*Emenda*

6. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti applikata mill-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jitqiesu li jkunu rrilaxxaw il-merkanzija meta ma jkunux għażluha għal kwalunkwe kontroll fi **żmien 30 jum kalendarju** wara li:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' żmien raġonevoli ma huwiex ċar.*

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 60 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. ***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati fkonformità mal-Artikolu 261, sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jstabbilixxu l-perjodi ta' żmien imsemmijin fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.***

*Emenda*

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Perjodu ta' żmien raġonevoli huwa sostitwit bi 30 jum kalendarju. L-ebda Att Delegat ma kien meħtieġ aktar.*

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 80 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tinkludi tal-anqas l-importatur responsabbli għall-merkanzija, ir-referenza unika għall-kunsinna, il-kunsinnatur, id-destinatarju, deskrizzjoni tal-merkanzija, il-klassifikazzjoni tariffarja, il-valur, id-data dwar ir-rota u n-natura u l-identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport li jgħibu l-merkanzija u l-kost tat-trasport. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tiġi pprovduta qabel ma l-merkanzija tasal fit-territorju doganali tal-Unjoni.

*Emenda*

2. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tinkludi tal-anqas l-importatur responsabbli għall-merkanzija, ir-referenza unika għall-kunsinna, il-kunsinnatur, id-destinatarju, deskrizzjoni tal-merkanzija, il-klassifikazzjoni tariffarja, il-valur, id-data dwar ir-rota u n-natura u l-identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport li jgħibu l-merkanzija u l-kost tat-trasport. L-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija għandha tiġi pprovduta qabel ma l-merkanzija tasal fit-territorju doganali tal-Unjoni. ***Tista' tintalab aktar data għal finijiet ta' dħul mill-awtoritajiet doganali jew mill-Awtorità Doganali tal-UE.***

Or. en

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 80 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. Sad-data ***fl-Artikolu 265(3), id-dikjarazzjoni*** fil-qosor tad-dħul għandha titqies bħala l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija.

*Emenda*

9. Sad-data ***stabbilita fil-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 29(5)(b), dikjarazzjoni*** fil-qosor tad-dħul ***ippreżentata f'konformità mar-regoli u mar-rekwiżiti tad-data applikabbli fir-rigward tas-sistemi elettroniċi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni żviluppaw skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013*** għandha titqies bħala l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija.

Or. en

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 83 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. **Meta l-wasla tal-mezzi tat-trasport u tal-kunsinni fihom ma tkunx koperta min-notifika msemmija fil-paragrafu 1, it-trasportatur għandu jinnotifika l-wasla tal-merkanzija mdaħħla** fit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru fil-port jew fl-ajruport fejn tinħatt jew tiġi trażbordata.

*Emenda*

4. **Il-merkanzija li tiddaħħal** fit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru **u li tibqa' abbord l-istess mezz ta' trasport għall-ġarr, għandha tiġi notifikata biss bħala li "waslet" fit-territorju doganali** fil-port jew fl-ajruport fejn tinħatt jew tiġi trażbordata.

Or. en

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 83 – paragrafu 9a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

9a. **Sad-dati stabbiliti fil-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 29(5 b), notifika tal-wasla u notifika tal-preżentazzjoni sottomessi f'konformità mar-regoli u r-rekwiżiti tad-data applikabbli fir-rigward tas-sistemi elettroniċi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni żviluppaw skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom jitqiesu, rispettivament, in-notifika tal-mezzi tat-trasport u tal-kunsinni fihom.**

Or. en

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 85 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jirrikjedu li t-trasportatur jippreżenta l-merkanzija u jipprovdi l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija msemmija fl-Artikolu 80, meta din l-informazzjoni ma tkunx ġiet ipprovduta fi stadju aktar bikri.

*Emenda*

2. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80(5)**, l-awtoritajiet doganali għandhom jirrikjedu li t-trasportatur jippreżenta l-merkanzija u jipprovdi l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija msemmija fl-Artikolu 80, meta din l-informazzjoni ma tkunx ġiet ipprovduta fi stadju aktar bikri.

Or. en

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 86 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn **3 ijiem** wara n-notifika tal-wasla tagħha jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b), sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

*Emenda*

5. Merkanzija mhux tal-Unjoni f'ħażna temporanja għandha titqiegħed taħt proċedura doganali mhux aktar tard minn **30 jum** wara n-notifika tal-wasla tagħha jew mhux aktar tard minn 6 ijiem wara n-notifika tal-wasla tagħha fil-każ ta' konsenjatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 116(4), il-punt (b), sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi ppreżentata. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż.

Or. en

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 176 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil operatur ekonomiku

*Emenda*

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil operatur ekonomiku

awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali u lil operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) sabiex jipprovdu garanzija komprensiva għad-djun doganali eżistenti u għal tariffi oħrajn, wara applikazzjoni, b'ammont imnaqqas.

awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali u lil operaturi ta' Fiduċja u Vverifikati (operaturi Trust and Check) sabiex jipprovdu garanzija komprensiva għad-djun doganali eżistenti u għal tariffi oħrajn, wara applikazzjoni, b'ammont imnaqqas, ***jew, għal operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check), rinunzja tal-garanzija.***

Or. en

## Emenda 94

### Proposta għal regolament Artikolu 176 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati ***f*konformità** mal-Artikolu 261, sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas jew għall-kisba ta' eżoneru mill-garanzija msemmi ***fil-paragrafu 2.***

#### *Emenda*

5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati ***f'*konformità** mal-Artikolu 261, sabiex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas jew għall-kisba ta' eżoneru mill-garanzija msemmi ***fil-paragrafi 2 u 3.***

Or. en

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Artikolu 176 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli proċedurali għad-determinazzjoni tal-ammont tal-garanzija, inkluż l-ammont imnaqqas imsemmi ***fil-paragrafu 2.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati

#### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli proċedurali għad-determinazzjoni tal-ammont tal-garanzija, inkluż l-ammont imnaqqas imsemmi ***fil-paragrafi 2 u 3.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu



f'konformità mal-proċedura ta' eżami  
msemija fl-Artikolu 262(4).

adottati f'konformità mal-proċedura ta'  
eżami msemija fl-Artikolu 262(4).

Or. en

## **Emenda 96**

### **Proposta għal regolament Artikolu 188 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtoritajiet doganali, wara applikazzjoni mill-persuna kkonċernata u wara l-għoti ta' garanzija, għandhom jawtorizzaw differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli bi kwalunkwe mod minn dawn li ġejjin:

#### *Emenda*

**I.** L-awtoritajiet doganali, wara applikazzjoni mill-persuna kkonċernata u wara l-għoti ta' garanzija, għandhom jawtorizzaw differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli bi kwalunkwe mod minn dawn li ġejjin:

Or. en

## **Emenda 97**

### **Proposta għal regolament Artikolu 188 – paragrafu 1a (ġdid)**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jirrikjedu garanzija meta l-applikant ikun operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) awtorizzat għal eżenzjoni ta' garanzija f'konformità mal-Artikolu 176(3).**

Or. en

## **Emenda 98**

### **Proposta għal regolament Artikolu 201 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni korretta tal-miżuri restrittivi adottati f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE billi timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom **fil-każijiet** li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha u, soġġetta għal rieżami u għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, billi tipprovdi gwida xierqa lill-awtoritajiet doganali.

*Emenda*

1. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni korretta tal-miżuri restrittivi adottati f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE billi timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom **fl-oqsma** li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha u, soġġetta għal rieżami u għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, billi tipprovdi gwida xierqa lill-awtoritajiet doganali.

Or. en

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 204 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq il-bażi tat-talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew tal-Awtorità Doganali tal-UE, tista' tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikoli 262(4) u (5) ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis il-protokollu u l-proċeduri **msemmin** fl-Artikolu 203, **il-miżuri** u l-arranġamenti xierqa u neċessarji **li jenħtieġ li japplikaw** sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' kriżi jew sabiex jittaffew l-effetti negattivi tagħha.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq il-bażi tat-talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew tal-Awtorità Doganali tal-UE, tista' tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikoli 262(4) u (5) ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis il-protokollu u l-proċeduri **msemija** fl-Artikolu 203, **li jstabilixxi l-miżuri** u l-arranġamenti xierqa u neċessarji sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' kriżi jew sabiex jittaffew l-effetti negattivi tagħha.

Or. en

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 204 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoordina u tissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti xierqa mill-awtoritajiet doganali u għandha tirrapporta lura dwar ir-riżultati ta' din l-implimentazzjoni lill-Kummissjoni.**

***imħassar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan għandu jkun l-aħħar paragrafu,*

## **Emenda 101**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 204 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tistabbilixxi ċellola ta' rispons għall-kriżijiet li tkun disponibbli b' mod permanenti matul il-kriżi.

3. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tistabbilixxi ċellola ta' rispons għall-kriżijiet li tkun disponibbli b' mod permanenti matul il-kriżi. ***Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Awtorità Doganali tal-UE fl-ippjanar u fl-istabbiliment ta' tali ċellola ta' rispons għall-kriżijiet. Iċ-ċellola ta' rispons għall-kriżijiet għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit li huwa assenjat lill-Awtorità Doganali tal-UE.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika dwar iċ-ċellola ta' rispons għall-kriżijiet.*

## **Emenda 102**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 204 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoordina u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-arranġamenti xierqa mill-awtoritajiet doganali u għandha tirrapporta lura dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jittieħed mill-paragrafu 2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinżammu infurmati wkoll, fi żminijiet ta' kriżi.*

### **Emenda 103**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 207 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-infurzar ta' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni applikata mill-awtoritajiet doganali.

(d) l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-infurzar ta' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni applikata mill-awtoritajiet doganali.

Or. en

### **Emenda 104**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 207 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tikkoopera ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni f'oqsma li fihom l-attivitajiet tagħhom ikunu relatati mal-ġestjoni tal-unjoni**

*doganali.*

Or. en

### **Emenda 105**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) twettaq id-dijanjistika u l-monitoraġġ tal-punti ta' qsim tal-fruntieri u ta' postijiet oħrajn ta' kontroll, ***tiżviluppa standards komuni u toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-aħjar prattiki;***

*Emenda*

(a) twettaq id-dijanjistika u l-monitoraġġ tal-punti ta' qsim tal-fruntieri u ta' postijiet oħrajn ta' kontroll;

Or. en

### **Emenda 106**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(aa) ***tiżviluppa standards komuni u toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-aħjar prattiki u timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;***

*Emenda*

(aa) ***tiżviluppa standards komuni u toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-aħjar prattiki u timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;***

Or. en

### **Emenda 107**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) telabora u xxerred manwali

*Emenda*

(g) telabora u xxerred manwali

operazzjonali għall-applikazzjoni Prattika tal-proċessi doganali u tal-metodi ta' ħidma u tiżviluppa standards komuni f' dan ir-rigward;

operazzjonali għall-applikazzjoni Prattika tal-proċessi doganali u tal-metodi ta' ħidma u tiżviluppa standards komuni f' dan ir-rigward, ***inklużi linji gwida komuni dwar l-infurzar***;

Or. en

## Emenda 108

**Proposta għal regolament  
Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ga) toħroġ rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-awtoritajiet doganali għall-applikazzjoni tat-**Titolu IV*****;

Or. en

## Emenda 109

**Proposta għal regolament  
Artikolu 208 – paragrafu 3 – punt 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) tħejji linji gwida u manwali simplifikati għall-intrapriżi żgħar u mikro u tappoġġa l-fehim tagħhom dwar il-leġiżlazzjoni u l-formalitajiet doganali tal-**UE*****;

Or. en

## Emenda 110

**Proposta għal regolament  
Artikolu 208 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tassisti lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, fil-ġestjoni mill-Kummissjoni tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament. L-Aġenzija Doganali tal-UE tista' tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.***

Or. en

## **Emenda 111**

### **Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru **u** minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt tal-vot.

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni **u minn rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew**, ilkoll bid-dritt tal-vot.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rappreżentant tal-Parlament Ewropew għandu jkollu wkoll dritt tal-vot fil-Bord tat-Tmexxija tal-EUCA.*

## **Emenda 112**

### **Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll membru wieħed deżinjat mill-Parlament Ewropew, li ma jkollu l-ebda dritt tal-vot.**

**imħassar**

Or. en

## **Emenda 113**

### **Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-membri tal-Bord Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tad-dwana, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. Il-partijiet kollha għandhom ifittxu li jilħqu rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija.

4. Il-membri tal-Bord Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tad-dwana, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti **tagħhom, jew l-esperjenza bil-politiki tal-unjoni doganali**. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu. Il-partijiet kollha għandhom ifittxu li jilħqu rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

## **Emenda 114**

### **Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Il-mandat għall-membri u għall-membri supplenti tagħhom għandu jkun ta' 4 snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġi estiż.

5. Il-mandat għall-membri u għall-membri supplenti tagħhom għandu jkun ta' 4 snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġi estiż **għall-istess perjodu**.



## Emenda 115

### Proposta għal regolament Artikolu 212 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Jekk membru jew is-sostitut tiegħu jtemm is-sħubija fil-Bord tat-Tmexxija, il-parti rilevanti għandha tinforma lill-President u lill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija b'dan u bis-sostituzzjoni ta' dak il-membri jew tas-sostitut tiegħu.**

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*F'każ li membru/sostitut ikun jixtieq itemm is-sħubija, anke jekk għandhom isiru sforzi biex jiġi limitat id-dawran fil-Bord tat-Tmexxija.*

## Emenda 116

### Proposta għal regolament Artikolu 215 – paragrafu 1 – punt pa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(pa) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi u jadotta regoli ta' proċedura għal korp konsultattiv li jirrappreżenta l-firxa sħiħa ta' partijiet interessati affettwati mill-ħidma tal-Awtorità Doganali tal-UE, li għandu jikkonsulta regolarment qabel ma jieħu d-deċiżjonijiet.**

Or. en

## Emenda 117

### Proposta għal regolament Artikolu 215 – paragrafu 1 – punt pb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pb) Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma u gruppi ta' esperti biex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, inkluż fit-tħejjija tad-deċiżjonijiet tiegħu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.*

Or. en

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 235 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Mhux aktar tard minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li titwettaq evalwazzjoni f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni tal-Awtorità Doganali tal-UE fir-rigward tal-obiettivi, tal-mandat, tal-kompiti u tal-governanza tagħha u tal-post(ijiet).

1. Mhux aktar tard minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull 4 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li titwettaq evalwazzjoni f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni tal-Awtorità Doganali tal-UE fir-rigward tal-obiettivi, tal-mandat, tal-kompiti u tal-governanza tagħha u tal-post(ijiet).

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ perjodu ta' żmien iqsar għall-valutazzjoni għall-EUCA l-ġdida.*

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 235 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fl-okkażjoni ta' kull tieni evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ir-riżultati miksubin mill-Awtorità Doganali tal-UE għandhom jiġu vvalutati, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi, il-mandat, il-kompiti u l-governanza tagħha, ***inkluża valutazzjoni ta' jekk il-kontinwazzjoni tal-Awtorità Doganali tal-UE tkunx għadha ġustifikata fir-rigward ta' dawk l-oġġettivi, il-mandat, il-governanza u l-kompiti.***

*Emenda*

3. Fl-okkażjoni ta' kull tieni evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ir-riżultati miksubin mill-Awtorità Doganali tal-UE għandhom jiġu vvalutati, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi, il-mandat, il-kompiti u l-governanza tagħha.

Or. en

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 238 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Awtorità Doganali tal-UE tiġi stabbilita mill-2026 u għandha ssir kompletament operazzjonali ***sal-2028.***

*Emenda*

1. L-Awtorità Doganali tal-UE tiġi stabbilita mill-2026 u għandha ssir kompletament operazzjonali ***sal-1 ta' Jannar 2028.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan ikun konformi mal-QFP il-ġdid.*

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 239a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 239a***

***Pjattaforma dwar ir-rapportar tal-merkanzija***

**1. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tistabbilixxi pjattaforma biex tagħti lill-awtoritajiet, lin-negozji, lill-konsumaturi u liċ-ċittadini l-opportunità li jirrapportaw merkanzija li tidħol fis-suq intern u li ma tirrispettax l-istandards ta' konformità u/jew li ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.**

**2. Il-pjattaforma għandha tkun online, faċilment aċċessibbli, tinqara u disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.**

**3. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tivvaluta l-informazzjoni miksuba permezz tal-pjattaforma u, jekk ikun meħtieġ, tinnotifika awtorità doganali jew aktar awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fihom tkun tqiegħed il-merkanzija rrapportata. L-Awtorità Doganali għandha tivvaluta biss dik il-merkanzija rrapportata li titqiegħed fis-suq intern fi Stat Membru wieħed jew aktar.**

**4. L-awtorità doganali notifikata għandha tikkoopera ma' awtoritajiet oħra fil-livell nazzjonali, inklużi, iżda mhux limitati għal, awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, awtoritajiet sanitarji u fitosanitarji, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet tat-taxxa fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex titneħħa merkanzija rrapportata mis-suq intern. L-awtorità doganali notifikata għandha tirrapporta dwar dawn il-miżuri lill-Awtorità Doganali tal-UE sa 30 jum kalendarju wara li tkun ittieħdet miżura.**

**5. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tiżgura li d-data rilevanti kollha relatata mal-merkanzija rrapportata tkun disponibbli fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE. L-Awtorità Doganali tal-UE tista' titlob lill-awtoritajiet doganali jissottomettu d-data rilevanti għal dan il-għan.**

Or. en

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 240 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-awtoritajiet doganali għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet rilevanti dwar ksur suspettat tal-leġiżlazzjoni tal-UE u jibagħtu notifika fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.**

Or. en

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 243 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Awtorità Doganali tal-UE tista', mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tagħha, tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn l-arranġamenti ma għandhomx joħlqu obbligi legali imposti fuq l-Unjoni.

L-Awtorità Doganali tal-UE tista', mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tagħha, tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn l-arranġamenti ma għandhomx joħlqu obbligi legali imposti fuq l-Unjoni. **Dawn għandhom jagħtu s-setgħa lill-Awtorità Doganali tal-UE tiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, inklużi l-aħjar Prattiki, u twettaq attivitajiet konġunti.**

Or. en

## Emenda 124

### Proposta għal regolament Artikolu 244 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi **fi żmien 90 jum mill-wasla tan-notifika, permezz ta' att ta' implimentazzjoni**, jekk għandhiex tawtorizza lill-Istat Membru sabiex jidħol fil-ftehim bilaterali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 262(2).

*Emenda*

**Fi żmien 60 jum mill-wasla tan-notifika**, il-Kummissjoni għandha **tadotta atti ta' implimentazzjoni biex** tiddeċiedi, jekk għandhiex tawtorizza lill-Istat Membru sabiex jidħol fil-ftehim bilaterali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 262(2).

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal tali Att ta' Implimentazzjoni, 60 jum għandu jkun biżżejjed.*

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 255 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tassisti lill-Kummissjoni **b'dak il-kompitu. Sabiex issostni lill-Kummissjoni** fl-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-oġġettivi strateġiċi u tal-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali stabbiliti fl-Artikolu 2. B'mod partikolari, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni u r-riskji potenzjali ewlenin, u ttiprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni.

*Emenda*

2. L-Awtorità Doganali tal-UE għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-prestazzjoni tal-unjoni doganali. **Għal dan il-għan**, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika kif l-attivitajiet u l-operazzjonijiet doganali jsostnu l-kisba tal-oġġettivi strateġiċi u tal-prijoritajiet tal-unjoni doganali u jikkontribwixxu għall-missjoni tal-awtoritajiet doganali stabbiliti fl-Artikolu 2. B'mod partikolari, l-Awtorità Doganali tal-UE għandha tidentifika x-xejriet, l-aspetti b'saħħithom, id-dgħufijiet, il-lakuni u r-riskji potenzjali ewlenin, u ttiprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib lill-Kummissjoni.

Or. en

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Artikolu 256 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu ***lill-Istati Membri*** għall-informazzjoni.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-rapport u wara tibagħtu ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** għall-informazzjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew għandu jirċievi r-rapport ukoll.*

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 258 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-dħul fis-seħħ] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-oġġettivi li jsegwi u għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

*Emenda*

Sa ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-oġġettivi li jsegwi u għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Rapportar aktar kmieni fil-bidu.*

## Emenda 128

### Proposta għal regolament Artikolu 263 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 *huwa mħassar.*

*Emenda*

1. Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 *u r-Regolament (UE) 2022/2399 huma mħassra.*

Or. en

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 265 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 għandhom ikunu kompletament operazzjonali sal-31 ta' Diċembru **2037**.

*Emenda*

3. Il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 29 għandhom ikunu kompletament operazzjonali sal-31 ta' Diċembru **2032**.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Pjattaforma tad-Data Doganali tista' tkun kompletament operattiva ħafna qabel.*

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 265 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdwew jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan ir-Regolament billi jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE *mill-1 ta' Marzu 2032*.

*Emenda*

4. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdwew jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan ir-Regolament billi jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE *mill-1 ta' Jannar 2029*.

Or. en



## *Ġustifikazzjoni*

*L-operaturi ekonomiċi jistgħu jibdew jużaw il-Pjattaforma tad-Data Doganali aktar kmieni, peress li l-funzjonijiet ewlenin għandhom diġà jkunu qed jaħdmu.*

### **Emenda 131**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 265 – paragrafu 7 – parti introduttorja**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Sal-31 ta' Diċembru **2035**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:

##### *Emenda*

7. Sal-31 ta' Diċembru **2031**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex tivvaluta, b'mod partikolari:

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport dwar il-valutazzjoni relatata mal-operatur ta' Fiduċja u Vverifikat (operatur Trust and Check) jeħtieġ li jitħejja aktar kmieni.*

### **Emenda 132**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness 1a (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

##### **Parti A**

#### **Formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u sistemi mhux doganali obbligatorji tal-Unjoni**

<b><i>Formalità tal-Unjoni mhux doganali</i></b>	<b><i>Akronimu</i></b>	<b><i>Sistema tal-Unjoni mhux doganali</i></b>	<b><i>Leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti</i></b>	<b><i>Data tal-applikazzjoni</i></b>
<b><i>Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-</i></b>	<b><i>CHED-A</i></b>	<b><i>TRACES</i></b>	<b><i>Ir-Regolament (UE) 2017/625</i></b>	<b><i>3 ta' Marzu 2025</i></b>

*annimali*

*tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>*

*Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-prodotti*

*CHED-P*

*TRACES*

*Ir-Regolament (UE) 2017/625*

*3 ta' Marzu 2025*

*Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-għalf u għall-ikel ta' orġini mhux mill-annimali*

*CHED-D*

*TRACES*

*Ir-Regolament (UE) 2017/625*

*3 ta' Marzu 2025*

*Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-pjanti u l-prodotti mill-pjanti*

*CHED-PP*

*TRACES*

*Ir-Regolament (UE) 2017/625*

*3 ta' Marzu 2025*

*Ċertifikat ta' spezzjoni*

*COI*

*TRACES*

*Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup>*

*3 ta' Marzu 2025*

*Liċenzja għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu*

*ODS*

*Sistema ta' Liċenzjar tal-ODS 2*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE)<sup>1c</sup>*

*3 ta' Marzu 2025*

*Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra*

*F-GAS*

*Portal F-GAS u s-sistema ta' liċenzjar*

*Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014*

*3 ta' Marzu 2025*

		<i>HFC</i>	<i>tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1d</sup></i>	
<i>Liċenzja tal-importazzjoni għall-beni kulturali</i>	<i>ICG-L</i>	<i>TRACES</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1e</sup></i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>
<i>Dikjarazzjoni tal-importatur għall-beni kulturali</i>	<i>ICG-S</i>	<i>TRACES</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2019/880</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>
<i>Deskrizzjoni ġenerali għall-beni kulturali</i>	<i>ICG-D</i>	<i>TRACES</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2019/880</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>

*Parti B*

*Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u s-sistemi mhux doganali volontarji tal-Unjoni meta l-użu tas-CSW-CERTEX tal-UE jkun previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

<i>Formalità tal-Unjoni mhux doganali</i>	<i>Akronimu</i>	<i>Sistema tal-Unjoni mhux doganali</i>	<i>Leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali</i>	<i>Il-konnessjoni minn</i>
<i>Liċenzja tal-importazzjoni għall-Infurzar tal-Liġi, Governanza u Kummerċ fis-Settur Forestali</i>	<i>FLEGT</i>	<i>TRACES</i>	<i>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>
<i>Ir-reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjoni ijiet, is-</i>	<i>DuES</i>	<i>Sistema ta' Liċenzjar Elettroniku</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2021/821</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>

*senserija, l-  
assistenza  
teknika, it-  
tranżitu u t-  
trasferiment  
ta' oġġetti  
b'użu  
doppju*

*Ċertifikati  
għall-  
Kummerċ  
Internazzjon  
ali fl-  
Ispeċijiet ta'  
Fawna u  
Flora  
Selvaġġi fil-  
Periklu*

*CITES*

*TRACES*

*Ir-  
Regolament  
tal-Kunsill  
(KE) Nru  
338/97*

*1 ta'  
Ottubru  
2025*

*Sistema tal-  
Informazzjo  
ni u l-  
Komunikazz  
joni għas-  
Sorveljanza  
tas-Suq*

*ICSMS*

*ICSMS*

*Ir-  
Regolament  
(UE)  
2019/1020  
tal-  
Parlament  
Ewropew u  
tal-Kunsill<sup>1i</sup>*

*16 ta'  
Diċembru  
2025*

---

<sup>1a</sup> *Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([ĠU95, 7.4.2017, p. 1](#)).*

<sup>1b</sup> *Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1](#)).*

<sup>1c</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ([ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1](#)).*

<sup>1d</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru*

842/2006 ([ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195](#)).

*<sup>1e</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturalis ([ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1](#)).*

*<sup>1i</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 ([ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1](#)).*

Or. en

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. Introduzzjoni

Fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat proposti għal riforma ambizzjuża u komprensiva tal-Unjoni Doganali tal-UE. Id-dwana hija l-gwardjan tal-fruntiera esterna tal-UE għall-merkanzija u għas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, hija tissorvelja l-merkanzija kollha li tidħol jew toħroġ mill-Unjoni Doganali u għalhekk tiffirma parti essenzjali mis-suq intern.

Din ir-riforma ġiet proposta bħala rispons għall-pressjonijiet attwali li qed jiffaċċjaw l-operazzjonijiet tad-Dwana tal-UE, b'mod partikolari żieda fil-volumi tal-kummerċ, speċjalment fil-kummerċ elettroniku, li hija prevista li tkompli tikber b'rata sinifikanti. Hemm ukoll ammont dejjem akbar ta' standards tal-UE li jridu jiġu vverifikati fil-fruntiera, flimkien ma' kriżijiet ġeopolitiċi u kriżijiet oħra li jirrikjedu kapaċità qawwija fid-dwana.

Il-miżuri proposti mill-Kummissjoni jippreżentaw viżjoni xprunata mid-data għad-Dwana tal-UE, bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċessi doganali għan-negozju u tiġi estiża t-trasformazzjoni diġitali filwaqt li fl-istess ħin, l-awtoritajiet doganali jingħataw l-għodod u r-riżorsi li jeħtieġu biex jivvalutaw kif xieraq x'joħloq riskji reali għall-UE, iċ-ċittadini tagħha u l-ekonomija tagħha.

### 2. L-Abbozz ta' Rapport

Ir-Rapporteur tappoġġja bis-sħiħ l-oġġettiv tar-Regolament u temmen li huwa essenzjali għall-UE li tiżgura li l-merkanzija li tidħol fit-territorju tal-UE tkun sikura u tissodisfa r-rekwiżiti Ewropej filwaqt li tiggarrantixxi wkoll li l-proċeduri doganali jkun effiċjenti kemm jista' jkun għall-operaturi ekonomiċi, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji.

B'volumi dejjem akbar ta' kummerċ, speċjalment fil-kummerċ elettroniku, u l-għadd dejjem akbar ta' rekwiżiti mhux fiskali li jridu jiġu vverifikati fil-fruntiera, ir-Rapporteur temmen li l-armonizzazzjoni ulterjuri fl-ambitu tal-KDU u ċerti benefiċċji ġodda bħall-Pjattaforma tad-Data Doganali, jeħtieġ li jitwettqu aktar malajr sabiex jiġu ssodisfati dawn l-isfidi. Minħabba dan, ir-Rapporteur tipproponi data aktar kmieni tad-dħul fis-seħħ għall-pjattaforma tad-data doganali flimkien ma' fażi pilota biex jiġi żgurat li qed taħdem b'mod effettiv u biex jiġu evitati konġestjonijiet.

Ir-Rapporteur tappoġġja bis-sħiħ l-oġġettivi tal-Pjattaforma tad-Data Doganali u temmen li tista' tissimplifika u tarmonizza l-infrastruttura doganali tal-UE filwaqt li ttejjeb ukoll l-interoperabbiltà ma' oqsma ta' politika relatati. Għal dan il-għan, ir-Rapporteur temmen li l-pjattaforma tippreżenta opportunità kbira biex tiġi kondiviża data ta' kwalità li tista' tgħin fil-ġlieda kontra problemi b'merkanzija li tidħol fl-Unjoni u tkun riżorsa għal kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-UE. Għal dan il-għan, il-pjattaforma għandha tintuża biex tinġabar ukoll data addizzjonali u utli.

Ir-Rapporteur tappoġġja l-istabbiliment ta' Awtorità Doganali tal-UE u taħseb li dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-pjattaforma tad-data. Ir-Rapporteur temmen li hemm bżonn ta' grad akbar ta' ambizzjoni hawnhekk b'rabta mar-rwol tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fil-KDU. Ir-Rapporteur temmen ukoll li hija opportunità tajba biex jiġi stabbilit forum konsultattiv mal-partijiet affettwati kollha, biex jiġi żgurat li d-

deċiżjonijiet u l-għodod operazzjonali stabbiliti mill-aġenzija jista' jkollhom l-akbar effett pożittiv possibbli, speċjalment fir-rigward tal-interoperabbiltà u tal-armonizzazzjoni tas-sistemi.

Ir-Rapporteur temmen li ħafna minn dawn il-bidliet il-ġodda se jkollhom jiġu deskritti b'mod ċar f'linji gwida komprensivi u rakkomandazzjonijiet tal-aħjar Prattika, speċjalment għall-SMEs u li l-aġenzija l-ġdida jeħtiġilha jkollha rwol importanti f'dan l-aspett.

Fir-rigward tas-simplifikazzjonijiet doganali, ir-Rapporteur tappoġġja l-ambizzjoni ġenerali mressqa mill-Kummissjoni iżda temmen li l-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-SMEs għandhom jitqiesu hawnhekk meta jiġu biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda. Ir-Rapporteur temmen ukoll li minħabba ż-żieda mistennija fil-volum tal-kummerċ elettroniku, il-funzjonament u l-effettività tas-simplifikazzjonijiet proposti hawnhekk għandhom jiġu rieżaminati fis-snin li ġejjin fid-dawl tal-pressjonijiet mistennija fuq l-awtoritajiet marbuta mal-volum kbir ta' merkanzija.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-[abbozz ta' rapport/rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat]:

<b>Entità</b>
Amazon
BEUC
E-Commerce Europe
European Express Association
Inditex
Permanent Representation of the Netherlands to the EU
CLECAT
World Shippers Council
AmCham
European Commission DG TAXUD
FEPOR
Business Europe
FedEx
European Court of Auditors
PostEurop